Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 21 ta' Novembru 2019**
**(OR. en)**

**14210/19**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0089(COD)**

**CONSOM 310**
**MI 795**
**ENT 254**
**JUSTCIV 215**
**DENLEG 103**
**CODEC 1636**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) |
| lil: | Kunsill |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE<br>- Approċċ ġenerali |

# I. INTRODUZZJONI

1. Fil-11 ta' April 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Din il-proposta hija parti mill-pakkett "Patt Ġdid għall-Konsumaturi" li jikkonsisti f'żewġ Direttivi[1] u f'Komunikazzjoni orizzontali[2] bil-għan li jkun żgurat li l-konsumaturi jibbenefikaw bis-sħiħ mid-drittijiet tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni u biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għal kompetizzjoni aktar ġusta għan-negozjanti li jkunu konformi.

[1] Ara d-dokument 7876/18 għall-proposta l-oħra dwar il-Modernizzazzjoni tal-liġi dwar il-konsumatur.
[2] Ara d-dokument 7875/18.

2. F'dan l-abbozz, id-direttiva tipproponi li timmodernizza u tissostitwixxi d-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet[3] billi jipprovdi miżuri ta' rimedju kif ukoll miżuri ta' inġunzjoni f'każ ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni li jaffettwa grupp ta' konsumaturi. L-għan huwa li l-effettività tal-azzjonijiet kollettivi tingħata spinta permezz ta' regoli aħjar ta' infurzar speċjalment f'sitwazzjonijiet fejn il-konsumaturi individwali jistgħu jiġu skoraġġuti milli jfittxu rimedju fil-qorti minħabba spejjeż għoljin ta' litigazzjoni u/jew pretensjonijiet ta' valur baxx. Il-proposta tkopri wkoll sitwazzjonijiet fejn il-ksur jaffettwa lill-konsumaturi ta' aktar minn Stat Membru wieħed bil-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumaturi f'ekonomija dejjem aktar globalizzata u diġitalizzata.

Id-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet tipprevedi biss azzjonijiet rappreżentattivi biex jitwaqqaf jew jiġi pprojbit ksur tal-liġi tal-konsumatur tal-UE, iżda mhux biex jinkiseb rimedju kollettiv li jippermetti lill-konsumaturi individwali li jirċievu, pereżempju, kumpens finanzjarju. B'riżultat ta' dan, jeżistu differenzi sinifikanti fil-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi madwar l-Unjoni Ewropea, peress li xi Stati Membri introduċew proċeduri għal rimedju kollettiv, filwaqt li oħrajn ma għamlux dan. B'din il-proposta, proċedura ta' azzjonijiet rappreżentattivi li tkopri miżuri ta' rimedju tkun disponibbli għall-konsumaturi fl-Istati Membri kollha, kemm f'azzjonijiet domestiċi kif ukoll f'dawk transkonfinali.

3. B'mod aktar speċifiku, il-proposta tippermetti lill-entitajiet kwalifikati jiddefendu l-interessi kollettivi tal-konsumaturi permezz ta':

– il-ħatra mill-Istati Membri, b'mod partikolari, ta' organizzazzjonijiet tal-konsumatur jew korpi pubbliċi bħala entitajiet kwalifikati;

– it-teħid ta' azzjonijiet rappreżentattivi kontra negozjanti li jiksru l-liġi, inkluż negozjanti domiċiljati fi Stat Membru ieħor;

– l-introduzzjoni ta' miżuri ta' rimedju, inkluż b'mod partikolari l-kumpens finanzjarju.

[3] Direttiva 2009/22/KE dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi (ĠU L 110, 1.5.2009, p. 30).

Il-proposta għandha wkoll l-għan li tirregola aspetti ewlenin meħtieġa għall-istabbiliment ta' qafas li għandu jiġi kkomplementat fil-livell nazzjonali b'regoli proċedurali speċifiċi jew b'mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv eżistenti.

Fl-aħħar nett, is-sistema proposta tinkludi salvagwardji kontra r-riskju ta' litigazzjoni abbużiva jew bla bżonn billi titlob li l-entitajiet kwalifikati jkunu kompletament trasparenti dwar is-sorsi ta' finanzjament tagħhom.

4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Settembru 2018[4].

5. Il-Kumitat responsabbli fil-Parlament Ewropew huwa l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI). Is-Sur Geoffroy Didier (PPE – FR) huwa r-rapporteur. Il-Kumitat JURI adotta r-rapport tiegħu fis-6 ta' Diċembru 2018 u l-Parlament Ewropew lesta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-26 ta' Marzu 2019 u indika d-deċiżjoni tiegħu li jidħol f'negozjati mal-Kunsill.

## II. ĦIDMA MWETTQA FIL-KUNSILL

6. L-eżami tal-proposta mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni u l-Informazzjoni tal-Konsumatur beda taħt il-Presidenza Bulgara f'April 2018. Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta ġiet eżaminata fl-24 u l-25 ta' April 2018, fuq il-bażi ta' tweġibiet għal-lista ta' kontroll. F'Mejju u f'Ġunju 2018 ġew organizzati wkoll żewġ laqgħat oħra tal-gruppi ta' ħidma.

7. Id-diskussjoni kompliet taħt il-Presidenza Awstrijaka u dik Rumena li matulhom ġew organizzati ħdax-il laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma, sabiex jiġu eżaminati diversi proposti ta' kompromess tal-Presidenza. Tkompliet il-ħidma taħt il-Presidenza Finlandiża, b'diskussjonijiet estensivi li saru matul għaxar laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma kif ukoll għadd kbir ta' kummenti ppreżentati mid-delegazzjonijiet. Għaldaqstant il-proposta ġiet strutturata mill-ġdid b'mod sinifikanti ,filwaqt li nżammu l-ispirtu u l-objettivi tal-proposta tal-Kummissjoni.

[4] KESE INT/853.

8. Matul id-diskussjonijiet fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma, il-proposta ġiet adattata (ara III.A hawn taħt) bil-ħsieb li jiġi akkomodat it-tħassib imqajjem mill-Istati Membri. Saru wkoll għadd ta' modifiki tekniċi bil-għan li l-proposta tiġi ċċarata, ristrutturata u kkomplementata fejn meħtieġ (ara III.B hawn taħt).

## III. BIDLIET GĦALL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

9. Il-kompromess tal-Presidenza huwa bbażat fuq l-elementi kostitwenti deskritti hawn taħt u tirrappreżenta pakkett ta' kompromess ġust u bbilanċjat li huwa appoġġat minn maġġoranza ta' Stati Membri.

**A - Bidliet ewlenin**

a) Distinzjoni bejn azzjonijiet rappreżentattivi domestiċi u transfruntiera (Artikoli 4, 4a u 4b; premessi 9a sa 11h)

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tippermetti lill-entitajiet kwalifikati maħtura fi Stat Membru li jressqu azzjonijiet rappreżentattivi fi Stat Membru ieħor, sakemm jissodisfaw għadd ta' kriterji fosthom li jkunu stabbiliti sew u ma jkollhomx skop ta' qligħ.
Il-Presidenza tissuġġerixxi dan li ġej:

– distinzjoni ċara bejn azzjonijiet rappreżentattivi domestiċi u transfruntiera, bid-definizzjonijiet korrispondenti;

– kriterji separati għall-ħatra ta' entitajiet kwalifikati għall-fini ta' azzjonijiet rappreżentattivi domestiċi u transfruntiera, bi kriterji definiti skont il-liġi nazzjonali għal entitajiet kwalifikati għall-fini ta' azzjonijiet rappreżentattivi domestiċi (l-Artikolu 4);

– kriterji komuni u msaħħa għal entitajiet kwalifikati maħtura għall-fini tal-azzjonijiet rappreżentattivi transfruntiera (l-Artikoli 4a u 4b);

– rikonoxximent reċiproku ta' entitajiet kwalifikati maħtura għall-fini tal-azzjonijiet rappreżentattivi transfruntiera, filwaqt li tippermetti l-possibbiltà li l-qrati u l-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali jeżaminaw l-indipendenza finanzjarja ta' entità kwalifikata f'azzjoni rappreżentattiva transfruntiera partikolari u, fejn adatt, jiċħdu l-kapaċità ġuridika tagħha (l-Artikolu 4b(3), it-tieni paragrafu).

b) Deċiżjonijiet dikjaratorji (l-Artikolu 6(2) u l-premessa 4a)

Fuq talba tal-Istati Membri, il-Presidenza tissuġġerixxi li fl-Artikolu 6(2) titħassar il-possibbiltà li l-qorti jew l-awtorità amministrattiva toħroġ deċiżjoni dikjaratorja dwar ir-responsabbiltà minflok ordni ta' rimedju fuq mozzjoni tagħha stess, filwaqt li tippermetti lill-Istati Membri jżommu jew jippromulgaw leġislazzjoni dwar azzjonijiet għal deċiżjoni dikjaratorja fil-livell nazzjonali kif previst fil-premessa 4a.

c) Distribuzzjoni mill-ġdid ta' kumpens għal telf żgħir (l-Artikolu 6(3)(b))

Fuq it-talba tal-Istati Membri u għal raġunijiet ta' ċertezza legali, il-Presidenza tissuġġerixxi li titħassar dispożizzjoni dwar ir-ridistribuzzjoni ta' ammonti żgħar ta' kumpens finanzjarju għal skopijiet pubbliċi li jservu l-protezzjoni tal-konsumatur, minflok ma tiġi distribwita lill-konsumaturi li jkunu sofrew il-ħsara.

d) Effetti ta' deċiżjonijiet finali (Artikolu 10; il-premessi 31a u 33)

Il-kompromess tal-Presidenza jqis it-tħassib espress minn diversi Stati Membri dwar l-effetti tad-deċiżjonijiet finali, b'mod partikolari dwar ir-rekwiżit li deċiżjoni finali li tistabbilixxi ksur għandha titqies bħala evidenza inkonfutabbli f'każijiet simili, peress li dan jista' jmur kontra l-liġi nazzjonali dwar l-evalwazzjoni tal-evidenza.

Il-Presidenza tipproponi li minflok jiġi indikat li d-deċiżjonijiet finali msemmija hawn fuq jistgħu jintużaw bħala evidenza tal-eżistenza ta' dak il-ksur.

e) Dispożizzjonijiet transitorji (l-Artikolu 20 flimkien mal-Artikolu 11; premessi 35 u 35a)

Fuq talba tal-Istati Membri, il-Presidenza tissuġġerixxi li d-Direttiva tapplika għal azzjonijiet rappreżentattivi miġjuba wara d-data ta' applikazzjoni tad-Direttiva, minflok għal ksur li beda wara. Il-bidla proposta mill-Presidenza hija konformi mal-liġi proċedurali u tiżgura applikazzjoni aktar rapida tad-Direttiva (l-Artikolu 20(1) u (2)).

Il-Presidenza temmen ukoll li huwa meħtieġ li jittieħed kont tal-partikolaritajiet tal-liġi nazzjonali dwar is-sospensjoni jew l-interruzzjoni ta' perijodi ta' limitazzjoni (l-Artikolu 20 (2a)).

**B - Bidliet oħra**

Saru wkoll għadd ta' modifiki oħra, b'mod partikolari rigward:

– l-ikkomplementar u s-simplifikazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni (l-Artikolu 2 u l-Anness I);

– il-kjarifika tal-funzjonament tal-azzjonijiet rappreżentattivi, b'mod partikolari dwar l-informazzjoni, l-ispejjeż/it-tariffi proċedurali u d-distinzjoni bejn miżuri ta' inġunzjoni u miżuri ta' rimedju (l-Artikoli 5, 5a, 5b, 8 u 9);

– il-limitazzjoni tal-pieni għan-nuqqas ta' konformità mal-miżuri ta' inġunzjoni, ordnijiet biex tiġi żvelata evidenza u obbligi ta' informazzjoni, kif ukoll iż-żamma tal-kompetenza tal-Istati Membri fuq l-allokazzjoni ta' dħul minn multi (l-Artikolu 14);

– is-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tad-Direttiva (l-Artikolu 18).

10. Fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta’ Novembru 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonkluda li t-test ser jiġi ppreżentat lill-Kunsill Kompetittività tat-28 ta’ Novembru 2019, bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali. It-test il-ġdid jidher b’**tipa grassa/sottolinjata** u t-tħassir b’[...] meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni.

## IV. KONKLUŻJONI

Il-Presidenza tikkunsidra li t-test, kif jinsab fl-Anness, jirrifletti kompromess ibbilanċjat u ġust bejn il-fehmiet espressi mid-delegazzjonijiet. Il-Kunsill huwa mistieden jaqbel dwar approċċ ġenerali abbażi ta' dan fil-Kunsill Kompetittività tat-28 ta' Novembru 2019.

<u>**ANNESS**</u>

2018/0089 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

<u>**(0)**</u> <u>**Il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni żiedu r-riskju li għadd kbir ta' konsumaturi jġarrbu ħsara mill-istess prattika illegali. Il-ksur tal-liġi tal-Unjoni jagħmel ħsara lill-konsumatur. Mingħajr mezzi effettivi biex jinkiseb il-waqfien ta' prattiki illegali u jingħata kumpens għal telf mġarrab mill-konsumaturi, tixxekkel il-fiduċja tal-konsumatur fis-suq intern.**</u>

<u>**(0a)**</u> <u>**In-nuqqas ta' mezzi effettivi ta' infurzar tal-liġi tal-Unjoni li tipproteġi lill-konsumaturi jista' jwassal ukoll għal distorsjoni ta' kompetizzjoni ġusta bejn negozjanti li jiksru l-liġi u negozjanti li jikkonformaw magħha u li joperaw fuq livell domestiku jew transfruntier. Dan jista' jxekkel il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.**</u>

<u>**(0b)**</u> <u>**F'konformità mal-Artikolu 26(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), is-suq intern għandu jikkostitwixxi żona mingħajr fruntieri interni li fiha jkun żgurat il-moviment liberu tal-merkanzija u s-servizzi. Is-suq intern għandu jipprovdi lill-konsumaturi valur miżjud fil-forma ta' kwalità aħjar, varjetà akbar, prezzijiet raġonevoli u standards ta' sikurezza għoljin għal merkanzija u servizzi, li għandhom jippromwovu livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.**</u>

<u>**(0c)**</u> <u>**L-Artikolu 169(1) u l-punt (a) tal-Artikolu 169(2) TFUE jipprevedu li l-Unjoni għandha tikkontribwixxi biex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur permezz ta' miżuri adottati skont l-Artikolu 114 TFUE. L-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistipula li l-politiki tal-Unjoni għandhom jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.**</u>

(1) [...]

(2) Id-Direttiva 2009/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ippermettiet lill-entitajiet kwalifikati jressqu azzjonijiet rappreżentattivi bl-għan primarju li jinġieb fi tmiem ksur tal-liġi tal-Unjoni li jagħmel ħsara lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi. Madankollu, dik id-Direttiva ma tindirizzax biżżejjed l-isfidi għall-infurzar tal-liġi tal-konsumatur. Sabiex titjieb id-deterrenza ta' prattiki illegali u biex titnaqqas il-ħsara għall-konsumatur **f'suq dejjem aktar globalizzat u diġitalizzat**, jenħtieġ li jissaħħaħ il-mekkaniżmu għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi **biex jiġu koperti miżuri ta' rimedju kif ukoll miżuri ta' inġunzjoni**. Minħabba l-għadd kbir ta' tibdiliet **meħtieġa**, [...] huwa xieraq li tiġi ssostitwita d-Direttiva 2009/22/KE.

**(2a) Il-proċeduri ta' azzjoni rappreżentattiva, kemm għal miżuri ta' inġunzjoni kif ukoll ta' rimedju, ivarjaw madwar l-Unjoni u joffru livell differenti ta' protezzjoni għall-konsumaturi. Hemm ukoll Stati Membri li, fil-preżent, ma għandhom l-ebda proċedura ta' rimedju kollettiv fis-seħħ. Dan inaqqas il-fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozji u l-kapaċità tagħhom li joperaw fis-suq intern, joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni u jxekkel l-infurzar effettiv tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur.**

**(2b) L-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet jeħtieġ mill-inqas proċedura waħda ta' azzjoni rappreżentattiva għal miżuri ta' inġunzjoni u ta' rimedju fl-Istati Membri kollha li jikkorrispondu għal din id-Direttiva**. **Jenħtieġ li l-azzjonijiet rappreżentattivi effettivi u effiċjenti disponibbli madwar l-Unjoni jagħtu spinta lill-fiduċja tal-konsumatur, jagħtu s-setgħa lill-konsumaturi biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, jikkontribwixxu għal kompetizzjoni aktar ġusta u joħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-kummerċjanti li joperaw fis-suq intern.**

**(2c) Din id-Direttiva għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-funzjonament tas-suq intern u l-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur billi tippermetti lill-entitajiet kwalifikati, li jirrappreżentaw l-interessi kollettivi tal-konsumaturi, iressqu azzjonijiet rappreżentattivi għall-iskop kemm ta' miżuri ta' inġunzjoni kif ukoll ta' rimedju kontra negozjanti li jiksru d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-entitajiet kwalifikati jkunu jistgħu jitolbu l-waqfien jew il-projbizzjoni ta' ksur u jfittxu rimedju, bħall-kumpens, tiswija jew roħs fuq il-prezz kif xieraq u disponibbli skont il-liġijiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali.**

(3) Jenħtieġ li azzjoni rappreżentattiva toffri mod effettiv u effiċjenti li tipproteġi l-interessi kollettivi tal-konsumaturi. Jenħtieġ li din l-azzjoni tippermetti lill-entitajiet kwalifikati jaġixxu bil-għan li jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni u li jegħlbu l-ostakli li jiltaqgħu magħhom il-konsumaturi f'azzjonijiet individwali, bħal pereżempju l-inċertezza dwar id-drittijiet tagħhom u l-mekkaniżmi proċedurali disponibbli, ir-riluttanza psikoloġika li jieħdu azzjoni u l-bilanċ negattiv tal-ispejjeż u l-benefiċċji mistennija ta' azzjoni individwali.

(4) Huwa importanti li jiġi żgurat il-bilanċ meħtieġ bejn l-aċċess għall-ġustizzja u s-salvagwardji proċedurali kontra l-litigazzjoni abbużiva li tista' tfixkel b'mod inġustifikabbli l-kapaċità tan-negozji li joperaw [...] **fis-suq intern**. Sabiex jiġi evitat l-abbuż tal-azzjonijiet rappreżentattivi jenħtieġ li jiġu evitati elementi bħal danni punittivi [...] u jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ċari dwar [...] **ċerti** aspetti proċedurali, bħall-ħatra **u l-finanzjament** ta' entitajiet kwalifikati [...] [...]. […]

**(4a) Din id-Direttiva ma għandhiex tissostitwixxi l-mekkaniżmi proċedurali nazzjonali eżistenti li għandhom l-għan li jipproteġu l-interessi kollettivi jew individwali tal-konsumatur. B'kunsiderazzjoni tat-tradizzjonijiet legali tagħhom, id-Direttiva tħalli [...] f'idejn l-Istati Membri jekk ifasslux l-azzjoni rappreżentattiva stabbilita minn din id-Direttiva bħala parti minn mekkaniżmu eżistenti jew futur ta' inġunzjoni kollettiva jew ta' rimedju jew bħala mekkaniżmu separat, dment li mill-inqas mekkaniżmu proċedurali nazzjonali wieħed fil-forma ta' azzjoni rappreżentattiva jikkonforma mal-modalitajiet stabbiliti minn din id-Direttiva. Pereżempju, din id-Direttiva ma għandhiex tipprevjeni lill-Istati Membri milli jippromulgaw leġislazzjoni dwar azzjonijiet għal deċiżjoni dikjaratorja minkejja li din id-Direttiva ma tipprevedix regoli dwar tali azzjonijiet. Jekk ikun hemm mekkaniżmi fis-seħħ fil-livell nazzjonali flimkien mal-mekkaniżmu meħtieġ minn din id-Direttiva, l-entità kwalifikata tkun tista' tagħżel liema mekkaniżmu għandu jintuża.**

**(4b) F'konformità mal-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, din id-Direttiva ma għandhiex tinkludi dispożizzjonijiet dwar l-aspetti kollha tal-proċedimenti f'azzjonijiet rappreżentattivi. Konsegwentement, huma l-Istati Membri li jridu jistabbilixxu regoli, pereżempju, dwar l-ammissibbiltà, il-provi jew il-mezzi ta' appell applikabbli għall-azzjonijiet rappreżentattivi. Pereżempju, għandu jkun f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu dwar il-livell meħtieġ ta' similarità tal-pretensjonijiet individwali jew dwar l-għadd minimu ta' konsumaturi kkonċernati minn azzjoni għal rimedju bl-iskop li każ ikun ammess biex jinstema' bħala azzjoni rappreżentattiva. Jenħtieġ li tali regoli nazzjonali ma jxekklux il-funzjonament effettiv tal-azzjonijiet rappreżentattivi kif stabbilit minn din id-Direttiva.**

(5) […]

(6) Jenħtieġ li **l-ambitu ta' d**in id-Direttiva **jirrifletti l-iżviluppi reċenti fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur**. **Peress li issa l-konsumaturi joperaw f'suq usa' u dejjem aktar diġitalizzat, il-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur teħtieġ li** oqsma [...] bħall-protezzjoni tad-data, is-servizzi finanzjarji, l-ivvjaġġar u t-turiżmu, l-enerġija [...] **u** l-mezzi tat-telekomunikazzjoni [...] **jkunu koperti mid-Direttiva, minbarra l-liġi ġenerali tal-konsumatur**. [...] **B'mod partikolari, peress li hemm domanda akbar mill-konsumaturi għal servizzi finanzjarji u ta' investiment, huwa importanti li jittejjeb l-infurzar tal-liġi tal-konsumatur f'dawn l-oqsma. Barra minn hekk, fil-qasam tas-servizzi diġitali, is-suq tal-konsumatur evolva u hemm ħtieġa akbar għal infurzar aktar effiċjenti tal-liġi tal-konsumatur, inkluż il-protezzjoni tad-data.**

(6a) Id-Direttiva għandha tkopri l-ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni elenkati fl-Anness I għal din id-Direttiva sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi, irrispettivament minn jekk humiex imsemmija konsumaturi jew bħala vjaġġaturi, utenti, klijenti, investituri bl-imnut, klijenti konsumaturi, suġġetti tad-data jew b'mod ieħor. Madankollu, jenħtieġ li tipproteġi l-interessi ta' persuni fiżiċi li tista' ssirilhom ħsara jew li jkunu ġarrbu ħsara minn dawk il-każijiet ta' ksur biss jekk dawn jikkwalifikaw bħala konsumaturi skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-ksur li jagħmel ħsara lil persuni fiżiċi li jikkwalifikaw bħala negozjanti ma jkunx kopert.

(6b) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-atti legali elenkati fl-Anness I u għalhekk ma għandhiex tibdel jew testendi d-definizzjonijiet previsti fihom jew tissostitwixxi kwalunkwe mekkaniżmu ta' infurzar li dawk l-atti legali jista' jkun fihom. Pereżempju, il-mekkaniżmi ta' infurzar previsti fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) jew ibbażati fuqu jistgħu, jekk applikabbli, jibqgħu jintużaw għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi.

(6c) Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-ambitu ta' din id-Direttiva għandu jiġi stabbilit bl-aktar mod preċiż possibbli fl-Anness I. Jekk l-atti legali elenkati fl-Anness I ikun fihom dispożizzjonijiet li ma għandhomx x'jaqsmu mal-protezzjoni tal-konsumatur, għandha ssir referenza għad-dispożizzjonijiet speċifiċi li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi. Madankollu, dawn ir-referenzi mhumiex dejjem fattibbli jew possibbli minħabba l-istruttura ta' ċerti atti legali, b'mod partikolari fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, inkluż is-servizzi ta' investiment.

(6d) Biex ikun żgurat rispons xieraq għall-ksur tad-dritt tal-Unjoni, li l-forma u d-daqs tiegħu qed jevolvu b'rata mgħaġġla, jenħtieġ jiġi kkunsidrat, kull darba li jiġi adottat att ġdid tal-Unjoni, rilevanti għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, jekk jenħtieġx li jiġi emendat l-Anness għal din id-Direttiva sabiex l-att il-ġdid jaqa' taħt l-ambitu tagħha.

(6e) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu kompetenti, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, biex japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal oqsma li ma jaqgħux fl-ambitu tagħha. L-Istati Membri jistgħu, pereżempju, iżommu fis-seħħ jew jintroduċu leġislazzjoni nazzjonali li tikkorrispondi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, jew xi wħud mid-dispożizzjonijiet tagħha, b'rabta ma' tilwim li jaqa' barra mill-ambitu tal-Anness I.

(7) Il-Kummissjoni adottat proposta leġislattiva għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fir-rigward tat-trasport ta' passiġġieri u l-bagalji tagħhom bl-ajru u għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stipulat li, sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni tivvaluta jekk ir-regoli tal-Unjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru u tal-ferrovija joffrux livell adatt ta' protezzjoni għall-konsumaturi, komparabbli għal dak previst f'din id-Direttiva, u tiġbed il-konklużjonijiet meħtieġa fir-rigward tal-ambitu ta' din id-Direttiva.

**(7a) Peress li kemm il-proċeduri ġudizzjarji kif ukoll dawk amministrattivi jistgħu b'mod effettiv u effiċjenti jservu għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, huwa fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri jekk l-azzjoni rappreżentattiva tistax titressaq bi proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi, jew bit-tnejn, skont il-qasam rilevanti tal-liġi jew is-settur ekonomiku rilevanti. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt għal rimedju effettiv skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li tgħid li jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-konsumaturi u n-negozjanti jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal, kontra kwalunkwe deċiżjoni amministrattiva meħuda skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw din id-Direttiva. Dan jenħtieġ li jinkludi l-possibbiltà li l-partijiet jiksbu deċiżjoni ta' sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, skont id-dritt nazzjonali.**

(8) Filwaqt li tibni fuq id-Direttiva 2009/22/KE, jenħtieġ li din id-Direttiva tkopri kemm il-ksur domestiku kif ukoll il-ksur transfruntier, b'mod partikolari meta l-konsumaturi [...] **affettwati** minn ksur ikunu jgħixu f'wieħed jew diversi Stati Membri għajr l-Istat Membru fejn ikun stabbilit in-negozjant li wettaq il-ksur. Jenħtieġ ukoll li tkopri ksur li jkun waqaf qabel tinbeda jew tiġi konkluża l-azzjoni rappreżentattiva, peress li xorta jista' jkun li din għadha meħtieġa biex jiġi evitat li l-prassi tirrepeti ruħha **billi tiġi pprojbita**, **biex** jiġi stabbilit li prassi speċifika tikkostitwixxi ksur u **biex** jiġi ffaċilitat ir-rimedju lill-konsumaturi.

(9) Jenħtieġ li din id-Direttiva la taffettwa l-applikazzjoni tar-regoli [...] dwar id-dritt internazzjonali privat u lanqas ma tistabbilixxihom fir-rigward tal-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi jew il-liġi applikabbli. L-istrumenti eżistenti tad-dritt tal-Unjoni japplikaw għall-azzjonijiet rappreżentattivi stabbiliti minn din id-Direttiva. **B'mod partikolari, ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (Brussell Ia), ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) u r-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II) għandhom japplikaw għall-azzjonijiet rappreżentattivi stabbiliti minn din id-Direttiva.**

**(9-a) Ta' min jinnota li Brussell Ia ma jkoprix il-kompetenza tal-awtoritajiet amministrattivi u lanqas ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet minn tali awtoritajiet. Jenħtieġ li tali kwistjonijiet jitħallew għad-dritt nazzjonali.**

**(9a) Skont il-każ, jista' jkun possibbli, f'konformità mar-regoli dwar id-dritt internazzjonali privat, li entità kwalifikata tressaq azzjoni rappreżentattiva fl-Istat Membru fejn tkun ġiet iddeżinjata kif ukoll fi Stat Membru ieħor. Filwaqt li tibni fuq id-Direttiva 2009/22/KE, jenħtieġ li din id-Direttiva tagħmel distinzjoni bejn dawn iż-żewġ tipi ta' azzjonijiet rappreżentattivi. Meta entità kwalifikata tressaq azzjoni rappreżentattiva fi Stat Membru ieħor għajr dak tad-deżinjazzjoni tagħha, jenħtieġ li dik l-azzjoni titqies bħala azzjoni transfruntiera. Meta entità kwalifikata tressaq azzjoni rappreżentattiva fl-Istat Membru fejn ġiet iddeżinjata, jenħtieġ li din titqies bħala azzjoni rappreżentattiva domestika anki jekk dik l-azzjoni titressaq kontra negozjant domiċiljat fi Stat Membru ieħor jew anki jekk konsumaturi minn diversi Stati Membri huma rrappreżentati f'dik l-azzjoni. Jenħtieġ li l-Istat Membru fejn tinġieb l-azzjoni jkun deċiżiv biex jiġi determinat it-tip ta' azzjoni rappreżentattiva. Għal din ir-raġuni, azzjoni rappreżentattiva domestika ma tistax issir waħda transfruntiera matul il-proċedimenti, jew viċe versa.**

(9b) Jenħtieġ li b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi jkollhom rwol attiv fl-iżgurar tal-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni u li jkunu lkoll f'pożizzjoni tajba biex japplikaw għall-istatus ta' entità kwalifikata skont il-liġi nazzjonali. Skont it-tradizzjonijiet legali nazzjonali, il-korpi pubbliċi jistgħu wkoll ikollhom rwol attiv fl-iżgurar tal-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni billi jressqu l-azzjonijiet rappreżentattivi stabbiliti minn din id-Direttiva.

(10) [...] **Għall-finijiet tal-azzjonijiet rappreżentattivi transfruntiera,**, [...] jenħtieġ li l-entitajiet kwalifikati jikkonformaw mal-**istess** kriterji [...] **fl-Unjoni kollha**. B'mod partikolari, ikun jenħtieġ li jkunu **persuni ġuridiċi** kkostitwiti korrettament skont il-liġi ta' Stat Membru, **li jkollhom ċertu grad ta' permanenza u ta' attività pubblika,** [...] [...] li jkunu ta' **natura mingħajr skop** ta' qligħ u jkollhom interess leġittimu, **fid-dawl tal-għan statutorju tagħhom,** fil-**protezzjoni tal-interessi tal-konsumatur kif previst** mid-dritt [...] rilevanti tal-Unjoni. [...] **Għall-fini tal-protezzjoni tal-konsumaturi, jenħtieġ li dawk l-entitajiet kwalifikati jkollhom ċerti kwalitajiet neċessarji biex jieħdu deċiżjonijiet relatati ma' azzjonijiet rappreżentattivi f'isem il-konsumaturi. Jenħtieġ li jkollhom għarfien u ħiliet fil-qasam tal-attività tagħhom, inkluż tali fehim tal-liġi li jkunu jistgħu, b'mod indipendenti, jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar jekk iressqux azzjoni rappreżentattiva jew le. Jenħtieġ li dan ikun mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħhom li jużaw konsulenti legali bħal avukati. Sabiex tiġi garantita l-indipendenza tal-entitajiet kwalifikati, jenħtieġ li dawn ikunu finanzjarjament sodi u stabbli, filwaqt li jitqiesu pereżempju kwalunkwe dħul jew assi li l-entitajiet jista' jkollhom. Jenħtieġ li jkunu wkoll trasparenti għalkollox dwar is-sors tal-finanzjament tagħhom u jipprevedu l-proċeduri rilevanti biex jiġu evitati influwenzi ta' ħsara għall-interessi kollettivi tal-konsumaturi rrappreżentati. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-entitajiet kwalifikati ma jkunux influwenzati minn xi parti terza, għajr il-konsulent legali tagħhom u l-konsumaturi kkonċernati, meta jieħdu d-deċiżjonijiet proċedurali tagħhom fil-kuntest tal-azzjoni rappreżentattiva, inkluż dwar is-soluzzjonijiet. Jenħtieġ li tali partijiet terzi ma jipprovdux finanzjament għal azzjoni rappreżentattiva għal rimedju kontra konvenut li hu kompetitur ta' min jipprovdi l-fondi, jew kontra konvenut li fuqu jiddependi min jipprovdi l-fondi. Madankollu, jenħtieġ li dan ikun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe finanzjament pubbliku.**

**(10a) Fir-rigward ta' entitajiet kwalifikati ddeżinjati għall-fini tal-azzjonijiet rappreżentattivi domestiċi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu l-kriterji għal dawn l-entitajiet b'mod liberu skont il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw il-kriterji stabbiliti minn din id-Direttiva għal entitajiet kwalifikati ddeżinjati għall-fini ta' azzjonijiet transfruntiera anke fir-rigward ta' entitajiet kwalifikati li jaġixxu biss għall-fini ta' azzjonijiet domestiċi.**

**(10b) Jenħtieġ li kwalunkwe kriterju applikat għal entitajiet kwalifikati f'azzjonijiet rappreżentattivi transfruntiera jew domestiċi ma jxekkilx il-funzjonament effettiv tal-azzjonijiet rappreżentattivi kif stabbilit minn din id-Direttiva.**

**(10c) L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li jillimitaw id-dritt ta' entità kwalifikata li tressaq azzjoni rappreżentattiva transfruntiera fil-qasam ta' attività ta' dik l-entità. Ir-regoli jistgħu jipprevedu, pereżempju, li entitajiet kwalifikati li jipproteġu l-interessi tal-konsumatur fil-qasam tas-sikurezza alimentari jew tad-drittijiet tal-passiġġieri jistgħu biss iressqu azzjonijiet rappreżentattivi transfruntiera li huma relatati ma' dawn l-iskopijiet.**

(11) […]

**(11a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeżinjaw l-entitajiet kwalifikati minn qabel. Madankollu, għall-fini ta' azzjonijiet rappreżentattivi domestiċi, l-Istati Membri jistgħu wkoll jew alternattivament jiddeżinjaw entitajiet kwalifikati fuq bażi *ad hoc* għal azzjoni speċifika. Tali deżinjazzjoni tista' ssir mill-qorti jew mill-awtorità amministrattiva invokata, inkluż permezz ta' aċċettazzjoni, fejn applikabbli. Madankollu, għall-fini tal-azzjonijiet rappreżentattivi transfruntiera, huma meħtieġa salvagwardji komuni. Għalhekk, jenħtieġ li l-entitajiet kwalifikati ddeżinjati fuq bażi *ad hoc* ma jitħallewx iressqu azzjonijiet rappreżentattivi transfruntiera.**

**(11b) Jenħtieġ li jkun f'idejn l-Istat Membru ta' deżinjazzjoni li jiżgura li l-entità kwalifikata ddeżinjata għall-fini tal-azzjonijiet rappreżentattivi transfruntiera tissodisfa l-kriterji, li jivvaluta jekk għadhiex tikkonforma magħhom u, jekk meħtieġ, li jirrevoka d-deżinjazzjoni tal-entità kwalifikata. Jenħtieġ li mill-inqas kull ħames snin l-Istati Membri jivvalutaw il-konformità tal-entitajiet kwalifikati mal-kriterji.**

**(11c) Jekk jirriżulta xi tħassib rigward il-konformità ta' entità kwalifikata mal-kriterji, jenħtieġ li l-Istat Membru li jkun iddeżinja dik l-entità jinvestiga t-tħassib u, fejn xieraq, jirrevoka d-deżinjazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddeżinjaw punti ta' kuntatt nazzjonali biex jittrasmettu u jirċievu talbiet għal investigazzjonijiet.**

**(11d) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-azzjonijiet rappreżentattivi transfruntiera jkunu jistgħu jitressqu quddiem il-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi tagħhom minn entitajiet kwalifikati ddeżinjati għall-fini ta' tali azzjonijiet rappreżentattivi fi Stat Membru ieħor. Barra minn hekk, jenħtieġ li entitajiet kwalifikati minn Stati Membri differenti jkunu jistgħu jingħaqdu f'azzjoni rappreżentattiva waħda quddiem forum wieħed, soġġetti għar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni kompetenti. Jenħtieġ li dan ikun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-qorti jew l-awtorità amministrattiva invokata li teżamina jekk l-azzjoni hijiex xierqa biex tinstema' bħala azzjoni rappreżentattiva waħda.**

**(11e) Jenħtieġ li jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku tal-kapaċità legali tal-entitajiet kwalifikati ddeżinjati għall-finijiet ta' azzjonijiet rappreżentattivi transfruntiera. Jenħtieġ li l-identità ta' dawn l-organizzazzjonijiet u korpi pubbliċi tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni u jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel dik il-lista disponibbli pubblikament. Jenħtieġ li l-inklużjoni fil-lista sservi ta' prova tal-kapaċità legali tal-organizzazzjoni jew tal-korp pubbliku li jressaq l-azzjoni. Jenħtieġ li dan ikun mingħajr preġudizzju għad-dritt li jiġi eżaminat jekk l-iskop tal-entità kwalifikata jiġġustifikax l-azzjoni f'każ speċifiku.**

**(11ea) Sabiex jevitaw konflitti ta' interess, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu regoli li skonthom il-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi tagħhom jistgħu jeżaminaw jekk entità kwalifikata li tressaq azzjoni rappreżentattiva transfruntiera għal rimedju tkunx iffinanzjata minn parti terza li jkollha interess ekonomiku fl-eżitu ta' azzjoni rappreżentattiva transfruntiera speċifika u, f'dak il-każ, jiċħdu l-kapaċità legali tal-entità kwalifikata għall-fini ta' dik l-azzjoni.**

**(11f) Meta tressaq azzjoni rappreżentattiva transfruntiera, jenħtieġ li l-entità kwalifikata tkun obbligata tikkonferma lill-qorti jew lill-awtorità amministrattiva li tissorvelja l-azzjoni li din tkun għadha konformi mal-kriterji. Madankollu, jenħtieġ li l-qorti jew l-awtorità amministrattiva teżamina l-konformità mal-kriterji jekk hija ssir konxja ta' kwalunkwe tħassib ġustifikat f'dak ir-rigward.**

**(11g) Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn l-informazzjoni ppreżentata mill-entità dwar il-konformità mal-kriterji ma tkunx korretta. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu, pereżempju, sanzjonijiet, ċaħda tal-azzjoni jew miżuri proċedurali oħra. Madankollu, jenħtieġ li ċaħda tal-azzjoni ma taffettwax id-drittijiet tal-konsumaturi kkonċernati mill-azzjoni.**

**(11h) Jenħtieġ li l-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi jkunu jistgħu jivvalutaw l-ammissibbiltà ta' azzjoni rappreżentattiva transfruntiera speċifika skont il-liġi nazzjonali. F'konformità mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' ammissibbiltà applikati għal azzjonijiet rappreżentattivi transfruntiera ma jkunux differenti minn dawk applikati għal azzjonijiet rappreżentattivi domestiċi speċifiċi.**

(12) […]

**(12a) Il-miżuri ta' inġunzjoni għandhom l-għan li jipproteġu l-interessi kollettivi tal-konsumaturi b'mod indipendenti minn kwalunkwe telf jew dannu reali mġarrab mill-konsumaturi individwali. Il-miżuri ta' inġunzjoni jistgħu jeħtieġu lin-negozjanti jieħdu azzjoni speċifika, bħal pereżempju li jipprovdu lill-konsumaturi l-informazzjoni li qabel kienet tħalliet barra bi ksur tal-obbligi legali. Jenħtieġ li deċiżjoni dwar miżura ta' inġunzjoni ma tiddependix minn jekk il-prattika twettqitx intenzjonalment jew b'negliġenza.**

**(12b) Meta titressaq azzjoni rappreżentattiva, jenħtieġ li l-entità kwalifikata tipprovdi biżżejjed informazzjoni dwar il-konsumaturi kkonċernati mill-azzjoni lill-qorti jew lill-awtorità amministrattiva. Jenħtieġ li l-informazzjoni tippermetti lill-qorti jew lill-awtorità amministrattiva tistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tagħha u l-liġi applikabbli. F'każ relatat mad-delitt dan ikun jeħtieġ li tiġi infurmata l-qorti jew l-awtorità amministrattiva tal-post fejn seħħ jew jista' jseħħ l-avveniment dannuż li jaffettwa lill-konsumaturi. Id-dettall tal-informazzjoni meħtieġa jista' jvarja skont liema miżura tkun qed tfittex l-entità kwalifikata u jekk jiġix applikat mekkaniżmu ta' inklużjoni jew esklużjoni fakultattiva. Barra minn hekk, meta titressaq azzjoni rappreżentattiva għal miżuri ta' inġunzjoni, is-sospensjoni jew l-interruzzjoni possibbli tal-perijodi ta' limitazzjoni applikabbli għal talbiet sussegwenti għal rimedju tkun teħtieġ li l-entità kwalifikata tipprovdi biżżejjed informazzjoni dwar il-grupp ta' konsumaturi kkonċernati mill-azzjoni.**

(13) **Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-entitajiet kwalifikati jkunu jistgħu jfittxu miżuri ta' inġunzjoni u miżuri ta' rimedju.** [...] Jenħtieġ li, **bil-għan** tal-effikaċja proċedurali tal-azzjonijiet rappreżentattivi, **l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeċiedu li** l-entitajiet kwalifikati [...] jkollhom il-possibbiltà li jfittxu miżuri [...] ta' **inġunzjoni u ta' rimedju** fi ħdan azzjoni rappreżentattiva waħda jew fi ħdan azzjonijiet rappreżentattivi separati. [...] . Jekk jintalbu f'azzjoni waħda, jenħtieġ li l-entitajiet kwalifikati jkunu jistgħu jfittxu l-miżuri rilevanti kollha meta jressqu l-azzjoni jew l-ewwel jitolbu [...] l-**miżuri** ta' inġunzjonijiet rilevanti u sussegwentement u jekk ikun xieraq [...] il-**miżuri** ta' rimedju.

(13a) **Jenħtieġ li l-entità kwalifikata li tressaq l-azzjoni rappreżentattiva skont din id-Direttiva tkun qed tfittex il-miżuri rilevanti, inkluż miżuri ta' rimedju, fl-interessi tal-konsumaturi affettwati minn ksur. Jenħtieġ li l-entità kwalifikata jkollha d-drittijiet u l-obbligi proċedurali tal-parti rikorrenti għall-proċedimenti. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu lill-konsumaturi individwali kkonċernati mill-azzjoni ċerti drittijiet fi ħdan l-azzjoni rappreżentattiva. Madankollu, jenħtieġ li l-konsumaturi individwali ma jkunux jistgħu jinterferixxu mad-deċiżjonijiet proċedurali li jittieħdu mill-entitajiet kwalifikati, jitolbu b'mod individwali evidenza fi ħdan il-proċedimenti jew jappellaw individwalment id-deċiżjonijiet proċedurali tal-qorti jew l-awtorità amministrattiva li tissorvelja l-azzjoni rappreżentattiva. Jenħtieġ li l-konsumaturi individwali lanqas ma jkollhom obbligi proċedurali fi ħdan l-azzjoni rappreżentattiva.**

(13b) **Madankollu, jenħtieġ li l-konsumaturi kkonċernati jkunu intitolati li jibbenefikaw mill-azzjoni rappreżentattiva. F'azzjonijiet rappreżentattivi għal miżuri ta' rimedju, dawn il-benefiċċji jiġu fil-forma ta' rimedji, bħal kumpens, tiswija, sostituzzjoni, tnaqqis fil-prezz, terminazzjoni ta' kuntratt jew rimborż tal-prezz imħallas. F'azzjonijiet rappreżentattivi għal miżuri ta' inġunzjoni, il-benefiċċju jkun il-waqfien jew il-projbizzjoni ta' prattika li tikkostitwixxi ksur.**

(13c) **Jenħtieġ li din id-Direttiva ma taffettwax ir-regoli nazzjonali dwar l-irkupru tal-ispejjeż proċedurali jew dwar il-prinċipju ta' "min jitlef iħallas". Jenħtieġ li l-konsumaturi individwali kkonċernati minn azzjoni ma jġarrbux l-ispejjeż tal-proċedimenti, la dawk tal-entità kwalifikata u lanqas tan-negozjant. Jenħtieġ li jsiru eċċezzjonijiet għal din ir-regola biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali, kif previst fil-liġi nazzjonali, bħal meta konsumatur ikun ikkawża spejjeż legali bla bżonn deliberatament jew b'negliġenza billi, pereżempju, itawwal il-proċedimenti b'imġiba illegali, jew meta jkun eċċezzjonalment ġustifikat mod ieħor. Jenħtieġ li l-ispejjeż tal-proċedimenti jinkludu, pereżempju, kwalunkwe spiża li tirriżulta mill-fatt li kull parti kienet irrappreżentata minn avukat jew professjonist ieħor fil-qasam legali, jew kwalunkwe spiża li tirriżulta min-notifika jew mit-traduzzjoni ta' dokumenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu regoli li jippermettu lill-entitajiet kwalifikati li jirrikjedu tariffi ta' dħul modesti jew imposti simili ta' parteċipazzjoni mingħand il-konsumaturi li jkunu espliċitament esprimew ir-rieda tagħhom li jiġu rrappreżentati minn entità kwalifikata fi ħdan azzjoni rappreżentattiva partikolari għal miżuri ta' rimedju.**

(14) […]

**(14a) Jenħtieġ li l-miżuri ta' inġunzjoni jkopru miżuri definittivi kif ukoll miżuri proviżorji. Dawn tal-aħħar jistgħu jkopru miżuri interim, miżuri prekawzjonarji u miżuri preventivi biex titwaqqaf prattika li tkun għaddejja jew biex tiġi pprojbita prattika f'każ li l-prattika ma tkunx twettqet iżda jkun hemm riskju li din tikkawża ħsara serja jew irriversibbli lill-konsumaturi. Miżuri ta' inġunzjoni jistgħu jinkludu wkoll miżuri li jistabbilixxu li prattika partikolari tikkostitwixxi ksur tal-liġi, f'każijiet fejn dik il-prattika waqfet qabel ma jkunu tressqu l-azzjonijiet rappreżentattivi, meta jkun għad hemm il-ħtieġa li jiġi stabbilit li tali prattika tikkostitwixxi ksur tal-liġi, pereżempju biex jiġu ffaċilitati azzjonijiet ta' segwitu għal miżuri ta' rimedju. Dawn jistgħu, barra minn hekk, jinkludu obbligu li n-negozjant li jwettaq il-ksur jippubblika d-deċiżjoni sħiħa jew parzjalment, f'forom meqjusa xierqa, jew li jippubblika stqarrija korrettiva.**

**(14b) Filwaqt li jibnu fuq id-Direttiva 2009/22/KE, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeħtieġu li ssir konsultazzjoni minn qabel mill-parti li biħsiebha li tressaq azzjoni għal inġunzjoni, sabiex il-konvenut jingħata opportunità jwaqqaf il-ksur ikkontestat. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeħtieġu li din il-konsultazzjoni minn qabel issir flimkien ma' korp pubbliku indipendenti ddeżinjat minn dawk l-Istati Membri. Meta l-Istati Membri jkunu stabbilew li għandu jkun hemm konsultazzjoni minn qabel, jenħtieġ li tiġi stabbilita skadenza ta' ġimagħtejn wara li tkun riċevuta t-talba għall-konsultazzjoni, wara liema, jekk ma jinkisibx it-twaqqif tal-ksur, jenħtieġ li l-applikant ikun intitolat iressaq azzjoni, mingħajr ebda dewmien ulterjuri, quddiem il-qorti jew l-awtorità amministrattiva kompetenti. Dawn ir-rekwiżiti jistgħu, skont il-liġi nazzjonali, jiġu applikati wkoll għal azzjonijiet għal miżuri ta' rimedju.**

(15) […]

**(15a) Din id-Direttiva tipprevedi mekkaniżmu proċedurali, li ma jaffettwax ir-regoli li jistabbilixxu d-drittijiet sostantivi tal-konsumatur għal rimedji kuntrattwali u mhux kuntrattwali f'każ li l-interessi tagħhom ikunu ġarrbu ħsara minn ksur, bħalma huma d-dritt għal kumpens għad-danni, it-terminazzjoni ta' kuntratt, ir-rimborż, is-sostituzzjoni, it-tiswija jew ir-roħs fuq il-prezz kif xieraq u kif ikun disponibbli skont il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tippermettix l-impożizzjoni ta' danni punittivi fuq in-negozjanti li jwettaq il-ksur jew li jingħata kumpens żejjed lill-konsumaturi affettwati minn ksur. Azzjoni rappreżentattiva li tfittex rimedju skont din id-Direttiva tista' titressaq biss meta l-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali tipprevedi tali drittijiet sostantivi.**

**(15b) Jenħtieġ li l-konsumaturi kkonċernati minn azzjoni rappreżentattiva għal rimedju jkollhom opportunitajiet adegwati, wara li tkun tressqet l-azzjoni, biex jesprimu r-rieda tagħhom dwar jekk għandhomx ikunu rrappreżentati mill-entità kkwalifikata f'dik l-azzjoni rappreżentattiva speċifika u jekk għandhomx jibbenefikaw jew le mill-eżiti rilevanti ta' dik l-azzjoni rappreżentattiva. Biex jirrispondu bl-aħjar mod għat-tradizzjonijiet legali tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu mekkaniżmu ta' inklużjoni jew esklużjoni fakultattiva, jew taħlita tat-tnejn. F'mekkaniżmu ta' inklużjoni fakultattiva, jenħtieġ li l-konsumaturi jkunu meħtieġa jesprimu b'mod espliċitu r-rieda tagħhom li jkunu rappreżentati mill-entità kwalifikata fi ħdan azzjoni rappreżentattiva għal rimedju. F'mekkaniżmu ta' esklużjoni fakultattiva, jenħtieġ li l-konsumaturi jkunu meħtieġa jesprimu b'mod espliċitu li mhux ser ikunu rappreżentati mill-entità kwalifikata fi ħdan azzjoni rappreżentattiva għal rimedju. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeċiedu f'liema stadju tal-azzjoni rappreżentattiva l-konsumaturi individwali jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' inklużjoni jew esklużjoni fakultattiva mill-proċedimenti.**

**(15ba) Jenħtieġ li l-Istati Membri li jipprevedu mekkaniżmu ta' inklużjoni fakultattiva jkunu jistgħu jeħtieġu li xi konsumaturi jagħżlu li jkunu inklużi fl-azzjoni għal miżura ta' rimedju qabel ma l-azzjoni tkun tressqet sakemm konsumaturi oħra jkollhom l-opportunità li jagħżlu li jiġu inklużi wkoll wara li tkun tressqet l-azzjoni.**

**(15c) Madankollu, sabiex tiġi żgurata amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u biex jiġu evitati sentenzi irrikonċiljabbli, jenħtieġ li jkun meħtieġ mekkaniżmu ta' inklużjoni fakultattiva rigward azzjoni rappreżentattiva għal rimedju meta l-konsumaturi milquta minn ksur ma jkunux residenti abitwali fl-Istat Membru tal-qorti jew l-awtorità amministrattiva li quddiemha titressaq l-azzjoni rappreżentattiva. F'sitwazzjoni bħal din, jenħtieġ li l-konsumaturi jesprimu espliċitament r-rieda tagħhom li jkunu rrappreżentati f'dik l-azzjoni rappreżentattiva sabiex ikunu marbuta bl-eżitu tal-azzjoni.**

**(15d) Meta l-konsumaturi jesprimu b'mod espliċitu jew taċitu r-rieda tagħhom li jkunu rappreżentati minn entità kwalifikata f'azzjoni rappreżentattiva għal rimedju, kemm jekk dik l-azzjoni titressaq b'mekkaniżmu ta' inklużjoni kif ukoll ta' esklużjoni fakultattiva, jenħtieġ li ma jibqgħux ikunu jistgħu jiġu rappreżentati f'azzjonijiet rappreżentattivi oħra u lanqas ma jkunu jistgħu jieħdu azzjonijiet individwali bl-istess causa petendi u kontra l-istess negozjant. Madankollu, jenħtieġ li dan ma jkunx japplika jekk konsumatur, wara li jkun esprima r-rieda tiegħu b'mod espliċitu jew taċitu li jiġi rrappreżentat f'azzjoni rappreżentattiva għal rimedju, aktar tard jagħżel li jiġi eskluż minn dik l-azzjoni f'konformità mal-liġi nazzjonali, pereżempju meta konsumatur jirrifjuta li jintrabat bi ftehim.**

**(15e) Għal raġunijiet ta' ħeffa u effiċjenza, f'dawn il-każijiet l-Istati Membri, skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom, jistgħu jipprovdu lill-konsumaturi l-possibbiltà li jibbenefikaw direttament minn miżura ta' rimedju wara li tkun inħarġet mingħajr rekwiżiti oħra marbuta mal-parteċipazzjoni minn qabel fl-azzjoni.**

**(15f) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli għall-koordinazzjoni bejn l-azzjonijiet rappreżentattivi, azzjonijiet individwali mibdija minn konsumaturi individwali u kwalunkwe azzjoni oħra mmirata lejn il-protezzjoni tal-interessi individwali u kollettivi tal-konsumaturi kif previst skont il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali. Jenħtieġ li l-miżuri ta' inġunzjoni maħruġa skont din id-Direttiva jkunu mingħajr preġudizzju għall-azzjonijiet individwali mressqa mill-konsumaturi li jkunu ġarrbu ħsara minħabba l-prattika soġġetta għall-miżuri ta' inġunzjoni.**

(16) […]

(17) […]

(18) **Jenħtieġ** li l-Istati Membri [...] jeħtieġu li l-entitajiet kwalifikati jipprovdu biżżejjed informazzjoni biex isostnu azzjoni rappreżentattiva għal rimedju, inkluż deskrizzjoni tal-grupp ta' konsumaturi [...] **affettwati** minn ksur u l-kwistjonijiet ta' fatti u ta' liġi li jridu jiġu riżolti fi ħdan l-azzjoni rappreżentattiva. Jenħtieġ li l-entità kwalifikata ma tkunx meħtieġa tidentifika individwalment il-konsumaturi kollha kkonċernati mill-azzjoni biex **din tinbeda** [...]. F'azzjonijiet rappreżentattivi għal rimedju, jenħtieġ li l-qorti jew l-awtorità amministrattiva tivverifika kemm jista' jkun kmieni fil-proċedimenti jekk il-każ huwiex adatt biex jitressaq bħala azzjoni rappreżentattiva, minħabba n-natura tal-ksur u l-karatteristiċi tad-danni mġarrba mill-konsumaturi [...] **affettwati**.

(19) […]

**(19a) Jenħtieġ li l-miżuri ta' rimedju jidentifikaw il-konsumaturi individwali jew tal-anqas jiddeskrivu l-grupp ta' konsumaturi intitolati għal rimedji previsti minn dik il-miżura, u jekk ikun applikabbli, jiddikjaraw il-metodu ta' kwantifikazzjoni u l-passi rilevanti li għandhom jittieħdu mill-konsumaturi u n-negozjanti għall-implimentazzjoni tar-rimedji. Jenħtieġ li l-konsumaturi intitolati għal rimedji jkunu jistgħu jirkupraw dawn ir-rimedji mingħajr ma jkollhom bżonn jibdew proċedimenti separati. Pereżempju, rekwiżit għal proċedimenti separati jimplika l-obbligu għall-konsumatur li jressaq azzjoni individwali quddiem qorti jew awtorità amministrattiva għall-kwantifikazzjoni tal-ħsara. Min-naħa l-oħra, sabiex jinkiseb rimedju individwali, il-konsumaturi jistgħu jkunu meħtieġa jieħdu ċerti passi, bħal li jindirizzaw entità responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-miżura ta' rimedju.**

**(19b) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu jew iżommu r-regoli dwar il-limiti ta' żmien, bħal perijodi ta' limitazzjoni jew limiti oħra ta' żmien għall-eżerċitar tad-dritt tagħhom għal rimedju, biex il-konsumaturi individwali jibbenefikaw mill-miżuri ta' rimedju. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli dwar id-destinazzjoni ta' kwalunkwe fondi ta' rimedju pendenti li ma jkunux ġew irkuprati fil-limiti taż-żmien stabbilit.**

(20) […]

(21) […]

(22) […]

(23) […]

(24) […]

(25) […]

(26) Jenħtieġ li **<u>fi ħdan</u>** azzjoni rappreżentattiva għal **<u>miżuri ta' rimedju</u>** jitħeġġu [...] soluzzjonijiet [...] kollettivi li għandhom l-għan li jipprovdu rimedju lill-konsumaturi li ġarrbu ħsara.

(27) […]

(28) Jenħtieġ li l-qorti u l-awtorità amministrattiva [...] **<u>ikunu jistgħu</u>** jistiednu lin-negozjant [...] u lill-entità kwalifikata li ressqet l-azzjoni rappreżentattiva **<u>għal rimedju</u>** biex jidħlu f'negozjati bl-għan li jintlaħaq ftehim dwar soluzzjoni dwar ir-rimedju li jrid jingħata lill-konsumaturi kkonċernati **<u>mill-azzjoni</u>**. […]

(29) […]

(30) Jenħtieġ li kwalunkwe soluzzjoni [...] milħuqa fil-kuntest ta' azzjoni rappreżentattiva **għal rimedju** [...] tiġi approvata mill-qorti jew [...] l-awtorità amministrattiva rilevanti [...] **ħlief jekk il-kondizzjonijiet tas-soluzzjoni ma jistgħux jiġu infurzati jew jekk is-soluzzjoni tmur kontra l-liġi mandatorja nazzjonali, applikabbli għar-raġuni tal-azzjoni, li minnha wieħed ma jistax jidderoga bi ħsara għall-konsumatur. Pereżempju, soluzzjoni li espliċitament tħalli mhux mibdul terminu ta' kuntratt li jagħti lin-negozjant dritt esklużiv li jinterpreta kwalunkwe terminu ieħor ta' dak il-kuntratt tista' tmur kontra l-liġi nazzjonali mandatorja.**

**(30a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu regoli li jippermettu lill-qorti jew lill-awtorità amministrattiva tirrifjuta li tapprova soluzzjoni anke meta l-qorti jew l-awtorità amministrattiva tqis li s-soluzzjoni tkun inġusta.**

**(30b) L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li skonthom il-konsumaturi individwali kkonċernati jingħataw il-possibbiltà li jaċċettaw jew jirrifjutaw li jintrabtu b'soluzzjoni.**

(31) Biex azzjoni rappreżentattiva jkollha suċċess huwa kruċjali li l-konsumaturi jiġu infurmati dwarha. Il-konsumaturi [...] **jridu jkunu konxji tal-** [...] azzjoni[...] **sabiex ikunu jistgħu jesprimu espliċitament jew taċitament ir-rieda tagħhom li jkunu rrappreżentati f'azzjoni rappreżentattiva għal rimedju. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu dan billi jistabbilixxu regoli xierqa dwar id-disseminazzjoni tal-informazzjoni dwar azzjonijiet lill-konsumaturi. Jenħtieġ li jkun f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu min għandu jkun responsabbli għad-disseminazzjoni tal-informazzjoni.** […]

**(31a) Il-konsumaturi għandhom jiġu infurmati wkoll bid-deċiżjonijiet finali li jipprevedu miżuri ta' inġunzjoni, miżuri ta' rimedju jew soluzzjonijiet approvati, id-drittijiet tagħhom wara li jiġi stabbilit ksur u kwalunkwe pass sussegwenti li jrid jittieħed mill-konsumaturi kkonċernati, b'mod partikolari biex jiksbu rimedju. Ir-riskji għar-reputazzjoni assoċjati mat-tixrid tal-informazzjoni dwar ksur huma wkoll importanti biex jiskoraġġixxu lin-negozjanti milli jiksru d-drittijiet tal-konsumaturi.**

(32) Biex tkun effettiva, jenħtieġ li l-informazzjoni tkun adegwata u proporzjonata għaċ-ċirkostanzi tal-każ. [...] Din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta, pereżempju fuq is-siti web tan-negozjant, fil-media soċjali, fuq swieq online, jew f'gazzetti popolari, inkluż dawk distribwiti esklużivament b'mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi. Jekk ikun possibbli **u xieraq**, jenħtieġ li l-konsumaturi jiġu informati individwalment permezz ta' ittri elettroniċi jew stampati. Jenħtieġ li din l-informazzjoni tingħata f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità fuq talba.

**(32a) Jenħtieġ li jkun in-negozjant li wettaq il-ksur li jinforma, bi spejjeż tiegħu, lill-konsumaturi kollha kkonċernati dwar il-miżuri finali ta' inġunzjoni u ta' rimedju. Jenħtieġ li n-negozjant jinforma wkoll lill-konsumaturi dwar soluzzjoni approvata minn qorti jew awtorità amministrattiva. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li skonthom tali obbligu jiddependi fuq it-talba mill-entità kwalifikata. Jekk, skont il-liġi nazzjonali, informazzjoni dwar deċiżjonijiet finali u soluzzjonijiet approvati tingħata lill-konsumaturi kkonċernati mill-azzjoni mill-qorti jew mill-awtorità amministrattiva jew mill-entità kkwalifikata, ma jenħtieġx li n-negozjant jipprovdi l-informazzjoni għat-tieni darba.**

(33) [...] **Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li deċiżjoni finali ta' qorti jew ta' awtorità amministrattiva ta' kwalunkwe Stat Membru li tistabbilixxi ksur li jkun ta' dannu għall-interessi kollettivi tal-konsumaturi tista' tintuża bħala prova tal-eżistenza ta' dak il-ksur għall-finijiet ta' kwalunkwe azzjoni oħra li tfittex rimedju quddiem il-qrati nazzjonali jew l-awtoritajiet amministrattivi kontra l-istess negozjant għall-istess ksur. F'konformità mal-indipendenza tal-ġudikatura u l-evalwazzjoni libera tal-evidenza, jenħtieġ li dan ikun mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali dwar l-evalwazzjoni tal-evidenza.**

(34) […]

(35) [...] **Il-perijodi ta' limitazzjoni normalment jiġu sospiżi meta titressaq l-azzjoni. Madankollu, azzjonijiet għal miżuri ta' inġunzjoni mhux neċessarjament ikollhom dan l-effett fir-rigward ta' miżuri sussegwenti ta' rimedju li jistgħu jirriżultaw mill-istess ksur. Jenħtieġ li l-Istati Membri għaldaqstant jiżguraw li azzjoni rappreżentattiva pendenti għal miżura ta' inġunzjoni jkollha l-effett li tissospendi jew tinterrompi l-perijodi ta' limitazzjoni applikabbli fir-rigward tal-konsumaturi kkonċernati mill-azzjoni sabiex dawk il-konsumaturi ma jitwaqqfux milli sussegwentement iressqu azzjoni ta' rimedju dwar il-ksur allegat minħabba l-iskadenza tal-perijodi ta' limitazzjoni matul l-azzjonijiet rappreżentattivi għal dawk il-miżuri ta' inġunzjoni. Meta tressaq azzjoni rappreżentattiva għal inġunzjonijiet, jenħtieġ li l-entità kwalifikata tiddefinixxi b'mod suffiċjenti l-grupp ta' konsumaturi li l-interessi tagħhom huma affettwati mill-ksur allegat, u li jistgħu possibbilment ikollhom pretensjoni li tirriżulta minn dak il-ksur u li jistgħu jiġu affettwati mill-iskadenza tal-perijodi ta' limitazzjoni matul l-azzjoni għal inġunzjonijiet. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li jiġi ddikjarat li anki azzjoni rappreżentattiva pendenti għal miżura ta' rimedju jenħtieġ li jkollha l-effett li tissospendi jew tinterrompi l-perijodi ta' limitazzjoni applikabbli fir-rigward tal-konsumaturi kkonċernati minn dik l-azzjoni.**

**(35a) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li s-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perijodi ta' limitazzjoni imposti skont din id-Direttiva japplikaw biss għal talbiet għal rimedju bbażati fuq ksur li jkun seħħ fi [data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva] jew warajha. Jentħtieġ li dan ma jipprekludix l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar is-sospensjoni jew l-interruzzjoni ta' perijodi ta' limitazzjoni li kienu diġà applikabbli qabel [data tal-applikazzjoni tad-Direttiva] għal talbiet għal rimedju bbażati fuq ksur li seħħ qabel dik id-data.**

(36) Jenħtieġ li l-azzjonijiet rappreżentattivi għal **miżuri** [...] ta' inġunzjoni jiġu ttrattati bil-ħeffa proċedurali dovuta. **Jekk ikun għadu qed iseħħ ksur, il-ħtieġa għal ħeffa tista' tiġi aċċentwata.** [...] **Jenħtieġ li l-azzjonijiet għal miżuri ta' inġunzjoni** b'effett provviżorju, **,**[...] **kif xieraq,** jiġu ttrattati permezz ta' **sommarju** ta' [...] proċedura biex jiġi evitat kwalunkwe dannu jew dannu ulterjuri kkawżat mill-ksur.

(37) L-evidenza hija element importanti biex jiġi stabbilit jekk [...] **azzjoni rappreżentattiva għal inġunzjonijiet jew rimedju hijiex fondata**. Madankollu, ir-relazzjonijiet bejn in-negozji u l-konsumaturi huma ta' **spiss** karatterizzati minn asimetrija fl-informazzjoni u l-**evidenza** [...] meħtieġa tista' tkun miżmuma esklużivament min-negozjant u dan jagħmilha inaċċessibbli għall-entità kwalifikata. Jenħtieġ għalhekk li l-entitajiet kwalifikati [...] **jkollhom** id-dritt li jitolbu [...] lill-qorti jew lill-awtorità amministrattiva kompetenti **biex tordna** li n-negozjant jiżvela l-evidenza rilevanti għat-talba tagħhom[...]. **Min-naħa l-oħra, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet, jenħtieġ li n-negozjant ikollu dritt simili li jitlob evidenza li tkun fil-kontroll tal-entità kwalifikata.** Jenħtieġ li, **f'konformità mal-liġi proċedurali nazzjonali**, il-ħtieġa, il-portata u l-proporzjonalità ta[...]l-iżvelar jiġu vvalutati bir-reqqa mill-qorti jew mill-awtorità amministrattiva li tissorvelja l-azzjoni rappreżentattiva b'kunsiderazzjoni tal-protezzjoni tal-interessi leġittimi ta' partijiet terzi u soġġett għar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali applikabbli dwar il-kunfidenzjalità.

(38) Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-azzjonijiet rappreżentattivi**,** jenħtieġ li n-negozjanti li jwettqu ksur jiskontaw pieni effettivi, dissważivi u proporzjonati [...] **talli jonqsu milli jew jirrifjutaw li jikkonformaw ma' miżura ta' inġunzjoni**. **Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li dawk il-pieni jkunu jistgħu jieħdu l-forma ta' multi, pereżempju multi kondizzjonali, pagamenti perjodiċi jew pagamenti ta' pieni. Jenħtieġ ukoll li jkun hemm pieni għan-nuqqas jew ir-rifjut ta' konformità ma' ordni biex tingħata informazzjoni lill-konsumaturi kkonċernati dwar deċiżjonijiet jew soluzzjonijiet finali jew biex tiġi żvelata evidenza. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġu applikati wkoll tipi ta' pieni, bħal miżuri proċedurali, apparti l-multi għal rifjut ta' konformità ma' ordni biex tiġi żvelata evidenza.**

(39) Wara li jikkunsidraw il-fatt li l-azzjonijiet rappreżentattivi jfittxu interess pubbliku billi jipproteġu l-interessi kollettivi tal-konsumaturi, jenħtieġ li l-Istati Membri **jżommu jew jimmiraw li jsibu mezzi għall-fini li jiżguraw** li [...] l-entitajiet kwalifikati ma jitwaqqfux milli jressqu azzjonijiet rappreżentattivi skont din id-Direttiva [...] **minħabba** l-ispejjeż involuti fil-proċeduri. **Dawn il-mezzi jistgħu jinkludu l-limitazzjoni tat-tariffi tal-qorti jew it-tariffi amministrattivi applikabbli, l-għoti ta' aċċess lill-entitajiet kwalifikati għal għajnuna legali fejn meħtieġ jew l-għoti ta' fondi pubbliċi biex iressqu azzjonijiet rappreżentattivi kif ukoll mezzi oħra ta' appoġġ. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux meħtieġa jiffinanzjaw azzjonijiet rappreżentattivi.**

(40) Il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-entitajiet kwalifikati minn Stati Membri differenti wrew li huma utli biex jiġu indirizzati**, b'mod partikolari,** każijiet ta' ksur transfruntier. Jeħtieġ li jkun hemm tkomplija u espansjoni tal-bini tal-kapaċità u ta' miżuri ta' kooperazzjoni ma' għadd akbar ta' entitajiet kwalifikati madwar l-Unjoni sabiex jiżdied l-użu tal-azzjonijiet rappreżentattivi b'implikazzjonijiet transfruntiera.

**(40a) Għall-finijiet tal-evalwazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni b'data dwar azzjonijiet rappreżentattivi mressqa skont din id-Direttiva. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni dwar l-għadd u t-tip ta' azzjonijiet rappreżentattivi li jkunu ġew konklużi minn kwalunkwe qorti jew awtorità amministrattiva tagħhom. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar l-eżiti tal-azzjonijiet rappreżentattivi, bħal jekk l-azzjonijiet rappreżentattivi kinux ammissibbli jew le jew jekk kinux ta' suċċess jew jekk irriżultawx f'soluzzjoni approvata. Sabiex jeħfief il-piż amministrattiv tal-Istati Membri fit-twettiq ta' dawn l-obbligi, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-miżuri ta' inġunzjoni, jenħtieġ li jkun biżżejjed li l-Kummissjoni tingħata informazzjoni ġenerali dwar it-tip ta' ksur u dwar il-partijiet. Fir-rigward tal-partijiet, pereżempju, jenħtieġ li jkun biżżejjed li l-Kummissjoni tiġi infurmata dwar jekk l-entità kwalifikata kinitx korp pubbliku jew organizzazzjoni tal-konsumaturi, u dwar il-qasam tan-negozju tal-kummerċjant, pereżempju servizzi finanzjarji. Alternattivament, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu lill-Kummissjoni b'kopji ta' deċiżjonijiet jew soluzzjonijiet rilevanti. Jenħtieġ li informazzjoni dwar l-identitajiet tal-konsumaturi konċernati minn azzjonijiet rappreżentattivi ma tiġix ipprovduta.**

(41) […]

(42) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, din id-Direttiva jenħtieġ li tkun interpretata u applikata skont dawk id-drittijiet u l-prinċipji, inkluż dawk relatati mad-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, kif ukoll id-dritt għal difiża.

(43) Fir-rigward tal-liġi ambjentali, din id-Direttiva tqis il-Konvenzjoni UNECE dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali ("il-Konvenzjoni ta' Aarhus").

(44) L-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri [...] li **jiġi żgurat li fl-Istati Membri kollha jiġi stabbilit** mekkaniżmu għal azzjoni rappreżentattiva **għall-finijiet ta' miżuri kemm ta' inġunzjoni kif ukoll ta' rimedju** għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi bil-għan li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi fl-Unjoni kollha u, li s-suq intern jiffunzjona [...], ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti bl-azzjonijiet meħuda esklużivament mill-Istati Membri, iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-implikazzjonijiet transfruntiera tal-**ksur** [...], jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma teċċedix dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(45) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni, l-Istati Membri ħadu l-impenn li, f'każijiet ġustifikati, man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom jipprovdu dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trażmissjoni ta' dawk id-dokumenti hija ġġustifikata.

(46) Huwa xieraq li jiġu previsti regoli għall-applikazzjoni temporali ta' din id-Direttiva.

(47) Id-Direttiva 2009/22/KE jenħtieġ għalhekk titħassar,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

# Kapitolu 1

# Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

*Artikolu 1*
***Suġġett***

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli li [...] **jiżguraw li** l-azzjonijiet rappreżentattivi mmirati lejn il-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi **jkunu disponibbli fl-Istati Membri kollha**, filwaqt [...] **li tipprovdi** salvagwardji xierqa biex jevitaw il-litigazzjoni abbużiva. **Il-miżuri adottati għall-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati membri għandhom bħala l-objettiv tagħhom li s-suq intern jiffunzjona aħjar billi jieħdu bħala bażi l-kisba livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.**

2. Din id-Direttiva m'għandhiex tipprevjeni lill-Istati Membri milli jadottaw jew iżommu fis-seħħ [...] mezzi proċedurali [...] **għall-**protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi fil-livell nazzjonali. **Madankollu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-anqas azzjoni rappreżentattiva waħda tikkonforma ma' din id-Direttiva.**

*Artikolu 2*
***Kamp ta' applikazzjoni***

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal azzjonijiet rappreżentattivi mressqa kontra ksur imwettaq minn negozjanti tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni elenkati fl-Anness I**, kif ukoll kif trasposti fil-liġi nazzjonali,** li jagħmel ħsara jew li jista' jagħmel ħsara lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi. **Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni elenkata fl-Anness I.** Hija għandha tapplika għal ksur domestiku u transfruntier, inkluż meta dak il-ksur ikun waqaf qabel ma tkun bdiet l-azzjoni rappreżentattiva jew qabel ma l-azzjoni rappreżentattiva tkun ġiet konkluża.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa regoli li jistabbilixxu rimedji kuntrattwali u mhux kuntrattwali disponibbli għall-konsumaturi għal ksur bħal dan skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali.

3. Din ir-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni dwar id-dritt internazzjonali privat, b'mod partikolari r-regoli relatati mal-ġurisdizzjoni tal-qrati**, ir-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi,** u l-liġijiet applikabbli.

*Artikolu 3*
***Definizzjonijiet***

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "konsumatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika li tkun qiegħda taġixxi għal finijiet li jkunu lil hinn mill-kummerċ, min-negozju, mis-sengħa jew mill-professjoni [...] **ta' dik il-persuna**;

(2) "negozjant" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew kwalunkwe persuna ġuridika, indipendentement minn jekk ikollhiex sjieda pubblika jew privata, li taġixxi, anki permezz ta' xi persuna oħra li tkun qed taġixxi f'isem [...] **dik il-persuna** jew għall-interessi ta' [...] **dik il-persuna**, għall-finijiet relatati mal-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni ta' [...] **dik il-persuna**;

(3) "interessi kollettivi tal-konsumaturi" tfisser l-interess [...] **ġenerali** [...] tal-konsumaturi **u, b'mod partikolari għall-finijiet ta' miżuri ta' rimedju, l-interessi ta' grupp ta' konsumaturi**;

(4) "azzjoni rappreżentattiva" tfisser azzjoni għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi [...] **mressqa minn entità kwalifikata u mmirata lejn miżura ta' inġunzjoni jew miżura ta' rimedju, jew it-tnejn**;

**(4a) "azzjoni rappreżentattiva domestika" tfisser azzjoni rappreżentattiva mressqa minn entità kwalifikata fl-Istat Membru fejn l-entità kwalifikati tkun iddeżinjata;**

**(4b) "azzjoni rappreżentattiva transfruntiera" tfisser azzjoni rappreżentattiva mressqa minn entità kwalifikata fi Stat Membru għajr għal dak li fih tkun iddeżinjata l-entità kwalifikata;**

(5) "prattika" tfisser kwalunkwe att jew ommissjoni minn negozjant;

(6) "deċiżjoni finali" tfisser deċiżjoni minn qorti **jew minn awtorità amministrattiva** ta' Stat Membru li ma tkunx tista' jew ma tkunx għadha tista' [...] tiġi **riveduta b'mezzi ordinarji ta' appell**.

# Kapitolu 2

# Azzjoni rappreżentattiva

*Artikolu 4*
***Entitajiet kwalifikati __għall-finijiet ta' azzjonijiet rappreżentattivi domestiċi__***

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu jistgħu jitressqu azzjonijiet rappreżentattivi **__domestiċi__** minn entitajiet kwalifikati ddeżinjati, fuq talba tagħhom, mill-Istati Membri [...] għal dan l-għan [...].

[…]

[…]

2. […]

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi [...], b'mod partikolari**, inkluż dawk li jirrappreżentaw konsumaturi minn aktar minn Stat Membru wieħed,** huma eliġibbli **japplikaw** għall-istatus ta' entità kwalifikata **skont il-liġi nazzjonali**. […]

4. […]

**4a. L-Istati Membri jistgħu jiddeżinjaw korpi pubbliċi bħala entitajiet kwalifikati.**

**4b. L-Istati Membri jistgħu jiddeżinjaw entità kwalifikata, fuq talba tagħha stess, fuq bażi ad hoc għall-fini ta' azzjoni rappreżentattiva partikolari.**

**4c. L-informazzjoni dwar entitajiet kwalifikati ddeżinjati minn qabel għall-fini ta' kwalunkwe azzjoni rappreżentattiva għandha tkun disponibbli għall-pubbliku.**

5. […]

***Artikolu 4a***
***Deżinjazzjoni ta' entitajiet kwalifikati għall-fini ta' azzjonijiet rappreżentattivi transfruntieri***

**1.** **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, inkluż dawk li jirrappreżentaw membri minn aktar minn Stat Membru wieħed, huma eliġibbli japplikaw għall-istatus ta' entità kwalifikata għall-fini ta' azzjonijiet rappreżentattivi transfruntieri.**

**2.** **L-Istati Membri jistgħu jiddeżinjaw korpi pubbliċi bħala entitajiet kwalifikati għall-fini tal-azzjonijiet rappreżentattivi transfruntiera.**

3. **Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw entità, fuq talba tagħha, bħala entità kwalifikata għall-fini ta' azzjonijiet rappreżentattivi transfruntiera jekk din tikkonforma mal-kriterji kollha li ġejjin:**

(a) **tkun persuna ġuridika kostitwita kif xieraq skont il-liġi tal-Istat Membru li jiddeżinjaha 18-il xahar qabel it-talba għad-deżinjazzjoni u tkun tista' turi 12-il xahar ta' attività pubblika effettiva fil-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi;**

(b) **skont l-iskop statutorju tagħha, ikollha interess leġittimu li tipproteġi l-interessi tal-konsumaturi kif previst mil-liġi tal-Unjoni koperta minn din id-Direttiva;**

(c) **tkun mingħajr skop ta' qligħ;**

(ca) **ikollha għarfien u ħiliet fil-qasam tal-attività tagħha li jkunu meħtieġa biex jitressqu azzjonijiet rappreżentattivi transfruntiera f'dak il-qasam;**

(caa) **tkun f'sitwazzjoni finanzjarja soda u stabbli;**

(cb) **ma tkunx influwenzata minn persuni, għajr konsumaturi, li jkollhom interess ekonomiku fit-tressiq ta' kwalunkwe azzjoni rappreżentattiva, b'mod partikolari negozjanti, inkluż fil-każ tal-finanzjament minn partijiet terzi, u li jkollha proċeduri biex tipprevjeni tali influwenza;**

(cc) **tiżvela pubblikament bi kwalunkwe mezz xieraq, b'mod partikolari fuq is-sit web tagħha, informazzjoni dwar il-kriterji elenkati hawn fuq u informazzjoni dwar is-sors ta' finanzjament tal-attività tagħha inġenerali**.

3a. **L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li jillimitaw id-dritt ta' entità kwalifikata li tressaq azzjoni rappreżentattiva fil-qasam ta' attività ta' dik l-entità.**

3b. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni lista tal-entitajiet kwalifikati msemmija fil-paragrafi 2 u 3, inkluż l-isem u l-iskop ta' dawk l-entitajiet kwalifikati kif ukoll il-limitazzjonijiet possibbli msemmija fil-paragrafu 3a, sa mhux aktar tard minn ... [sena wara d-data tat-traspożizzjoni] u kull meta jsiru bidliet f'dik il-lista. L-Istati Membri għandhom jagħmlu dik il-lista disponibbli pubblikament.

Il-Kummissjoni għandha tiġbor dawn l-entitajiet kwalifikati f'lista waħda u tagħmilha disponibbli pubblikament. Il-lista għandha tiġi aġġornata kull sena u kull meta l-bidliet jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw minn tal-anqas kull ħames snin jekk l-entitajiet kwalifikati għadhomx jikkonformaw mal-kriterji elenkati fil-paragrafu 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entità kwalifikata titlef l-istatus tagħha jekk ma tibqax konformi ma' kriterju wieħed jew aktar.

5. Jekk Stat Membru jew il-Kummissjoni jqajmu tħassib rigward il-konformità minn entità kwalifikata mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3, l-Istat Membru li jkun iddeżinja dik l-entità għandu jinvestiga t-tħassib u, fejn ikun xieraq, iħassar d-deżinjazzjoni jekk ma jkunx hemm konformità ma' kriterju wieħed jew aktar.

6. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw punti ta' kuntatt nazzjonali għall-fini tal-paragrafu 5 u jikkomunikaw l-isem u d-dettalji ta' kuntatt ta' dawk il-punti ta' kuntatt lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tiġbor lista tal-punti ta' kuntatt maħtura u tagħmel dik il-lista disponibbli għall-Istati Membri.

***Artikolu 4b***
***Tressiq ta' azzjonijiet rappreżentattivi transfruntiera***

**1.** **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet rappreżentattivi transfruntiera jistgħu jitressqu quddiem il-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi tagħhom minn entitajiet kwalifikati ddeżinjati għall-fini ta' tali azzjonijiet rappreżentattivi fi Stat Membru ieħor.**

**2.** **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn ksur allegat jaffettwa jew x'aktarx jaffettwa konsumaturi minn Stati Membri differenti, l-azzjoni rappreżentattiva tista' titressaq quddiem il-qorti jew l-awtorità amministrattiva kompetenti ta' Stat Membru minn diversi entitajiet kwalifikati minn Stati Membri differenti, li jaġixxu b'mod konġunt, għall-protezzjoni tal-interess kollettiv tal-konsumaturi minn Stati Membri differenti.**

**3.** **Il-qrati u l-awtoritajiet amministrattivi għandhom jaċċettaw il-lista msemmija fl-Artikolu 4a(3b) bħala prova tal-kapaċità legali tal-entità kwalifikata biex tressaq azzjonijiet rappreżentattivi transfruntiera, mingħajr preġudizzju għad-dritt li jiġi eżaminat jekk l-iskop statutorju tal-entità kwalifikata jiġġustifikax l-azzjoni f'każ speċifiku.**

**Minkejja l-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li skonthom il-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi tagħhom jkunu kompetenti biex jeżaminaw jekk l-entità kwalifikata li tressaq azzjoni rappreżentattiva transfruntiera għal rimedju tkunx iffinanzjata minn parti terza li jkollha interess ekonomiku fl-eżitu tal-azzjoni u jekk iva, tiċħad il-kapaċità ġuridika tal-entità kwalifikata għall-fini ta' dik l-azzjoni rappreżentattiva transfruntiera speċifika.**

**4.** **Meta tressaq azzjoni rappreżentattiva transfruntiera, l-entità kwalifikata għandha tikkonferma mal-qorti jew mal-awtorità amministrattiva li quddiemha tkun tressqet l-azzjoni li hija tkun konformi mal-kriterji elenkati fl-Artikolu 4a(3). Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-qorti jew l-awtorità amministrattiva tkun kompetenti li teżamina l-konformità mal-kriterji jekk jitqajjem tħassib ġustifikat f'dak ir-rigward.**

5. **L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 dwar il-konformità mal-kriterji ma tkunx korretta. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu l-possibbiltà li l-qorti jew l-awtorità amministrattiva tiċħad l-azzjoni. Tali ċaħda ma għandhiex taffettwa d-drittijiet tal-konsumaturi kkonċernati mill-azzjoni.**

6. **Il-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi li quddiemhom titressaq l-azzjoni għandhom jivvalutaw l-ammissibbiltà ta' azzjoni rappreżentattiva transfruntiera speċifika skont il-liġi nazzjonali.**

*Artikolu 5*
***Azzjonijiet rappreżentattivi [...]***

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet rappreżentattivi **skont l-Artikolu 2** jistgħu jitressqu quddiem qrati jew awtoritajiet amministrattivi nazzjonali minn entitajiet kwalifikati [...].

   **Meta tressaq azzjoni rappreżentattiva, l-entità kwalifikata għandha tipprovdi lill-qorti jew lill-awtorità amministrattiva biżżejjed informazzjoni dwar il-konsumaturi kkonċernati mill-azzjoni.**

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet kwalifikati jkunu intitolati [...] jitolbu [...]**,** **kif xieraq, mill-anqas** dawn il-miżuri li ġejjin:

   (a) [...] miżur**i** [...] ta' inġunzjoni [...];

   (b) […]

**(ba)** **miżuri ta' rimedju**.

[…]

3. […]

4. [...] L-Istati Membri [...] **jistgħu jippermettu** [...] li entitajiet kwalifikati [...] jitolbu, **kif xieraq** il-miżuri [...] imsemmija fil-paragrafu 2 f'azzjoni rappreżentattiva waħda. **L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li dawn il-miżuri jinħarġu f'deċiżjoni waħda.**

**4a.** **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'azzjoni rappreżentattiva, l-interessi tal-konsumaturi jkunu rappreżentati minn entitajiet kwalifikati u li l-entitajiet ikollhom id-drittijiet u l-obbligi ta' parti fil-proċedimenti. Il-konsumaturi kkonċernati mill-azzjoni għandhom ikunu intitolati li jibbenefikaw mill-miżuri msemmija fil-paragrafu 2. Il-konsumaturi kkonċernati mill-azzjoni jistgħu jġarrbu l-ispejjeż tal-proċedimenti biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali skont il-liġi nazzjonali. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li jippermettu l-ħlas ta' drittijiet modesti għad-dħul jew ħlasijiet simili għall-parteċipazzjoni.**

*Artikolu 5a*
*Miżuri ta' inġunzjoni*

**1. Il-miżuri ta' inġunzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2)(a) huma:**

**(a) miżura proviżorja ta' waqfien jew, fejn xieraq, ta' projbizzjoni ta' prattika meqjusa li tikkostitwixxi ksur;**

**(b) miżura definittiva ta' waqfien jew, fejn xieraq, ta' projbizzjoni ta' prattika li tikkostitwixxi ksur.**

**1a. Miżura msemmija fil-paragrafu 1(b) tista' tinkludi, f'konformità mal-liġi nazzjonali:**

**(a) miżura biex tistabbilixxi li l-prattika tikkostitwixxi ksur;**

**(b) obbligu li d-deċiżjoni dwar il-miżura tiġi ppubblikata sħiħa jew parzjalment, f'forom meqjusa xierqa, jew li tiġi ppubblikata stqarrija korrettiva.**

**2. Sabiex titlob miżura ta' inġunzjoni, l-entità kwalifikata ma għandux ikollha tagħti prova tat-telf jew tal-ħsara attwali min-naħa tal-konsumaturi individwali affettwati mill-ksur u lanqas l-intenzjoni jew in-negliġenza min-naħa tan-negozjant. Il-konsumaturi kkonċernati minn azzjoni rappreżentattiva għal miżura ta' inġunzjoni ma għandhomx ikunu meħtieġa jipparteċipaw f'dik l-azzjoni rappreżentattiva.**

**3. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew iżommu dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li permezz tagħhom entità kwalifikata tkun tista' biss titlob miżuri ta' inġunzjoni previsti fil-paragrafu 1(b) wara li tkun ippruvat tikseb il-waqfien tal-ksur f'konsultazzjoni man-negozjant. Jekk in-negozjant, wara li jirċievi t-talba għall-konsultazzjoni, ma jwaqqafx il-ksur fi żmien ġimagħtejn, l-entità kwalifikata tista' tressaq azzjoni rappreżentattiva għal tali miżura ta' inġunzjoni mingħajr aktar dewmien. L-Istati Membri għandhom javżaw lill-Kummissjoni dwar dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li din l-informazzjoni tkun aċċessibbli pubblikament.**

*Artikolu 5b*
*Miżuri ta' rimedju*

1. **Miżura ta' rimedju għandha tobbliga lin-negozjant jipprovdi lill-konsumaturi kkonċernati b'rimedji bħall-kumpens, it-tiswija, il-bdil, it-tnaqqis fil-prezz, it-terminazzjoni ta' kuntratt jew ir-rimborż tal-prezz imħallas, kif xieraq u skont id-disponibbli skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali.**

2. **L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar kif u f'liema stadju l-konsumaturi individwali kkonċernati mill-azzjoni jistgħu, b'mod espliċitu jew taċitu u fi żmien xieraq, jesprimu r-rieda tagħhom wara li tkun tressqet dik l-azzjoni, dwar jekk ikunux rappreżentati mill-entità kwalifikata fl-azzjoni rappreżentattiva għal miżuri ta' rimedju u li jkunu marbuta bl-eżitu tal-azzjoni.**

3. **Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi individwali, li ma jkunux abitwalment residenti fl-Istat Membru tal-qorti jew tal-awtorità amministrattiva li quddiemha tkun tressqet l-azzjoni rappreżentattiva, ikollhom b'mod espliċitu jesprimu r-rieda tagħhom li jkunu rappreżentati f'dik l-azzjoni u li jkunu marbuta mal-eżitu tal-azzjoni.**

3a. **Il-konsumaturi li b'mod espliċitu jew taċitu esprimew ir-rieda tagħhom li jkunu rappreżentati f'azzjoni rappreżentattiva ma jistgħux ikunu rappreżentati f'azzjonijiet rappreżentattivi oħra u lanqas ma jistgħu jressqu azzjoni individwali bl-istess causa petendi u kontra l-istess negozjant.**

**<u>4.</u>** **<u>Jekk il-miżura ta' rimedju ma tispeċifikax il-konsumaturi individwali intitolati għall-benefiċċju mir-rimedju mogħti mill-miżura, din għandha tal-anqas tiddeskrivi l-grupp ta' konsumaturi intitolati li jibbenefikaw minn dawk ir-rimedji.</u>**

**<u>5.</u>** **<u>L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżura ta' rimedju tintitola lill-konsumaturi jitolbu l-irkupru mid-danni mingħajr il-bżonn li jressqu azzjoni separata.</u>**

**<u>6.</u>** **<u>L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew iżommu regoli dwar il-limiti taż-żmien li fihom il-konsumaturi individwali jibbenefikaw mill-miżuri ta' rimedju. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli dwar id-destinazzjoni ta' kwalunkwe fond ta' rimedju pendenti li ma jkunx ġie rkuprat fil-limiti taż-żmien stabbiliti.</u>**

**<u>7.</u>** **<u>Ir-rimedji provduti mill-miżuri ta' rimedju f'azzjoni rappreżentattiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju addizzjonali disponibbli lill-konsumaturi skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, li ma kienx soġġett għal dik l-azzjoni rappreżentattiva.</u>**

**<u>8.</u>** **<u>L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet kwalifikati jistgħu jressqu azzjonijiet rappreżentattivi għall-miżuri ta' rimedju mingħajr il-kondizzjoni li qorti jew awtorità amministrattiva, fi proċedimenti separati, tkun stabbiliet diġà li sar ksur.</u>**

*Artikolu 6*

***[...]***

[…]

*Artikolu 7*

***[...]***

*Artikolu 8*
***Soluzzjonijiet <u>dwar ir-rimedju</u>***

1. […]

2. **<u>Bil-ħsieb tal-approvazzjoni ta' soluzzjoni</u>**, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li [...] f'[...]azzjoni rappreżentattiva[...] **<u>għall-miżuri ta' rimedju:</u>**

   **<u>(a)</u>** **<u>l-entità kwalifikata u n-negozjant għandhom b'mod konġunt jipproponu lill-qorti jew lill-awtorità amministrattiva soluzzjoni dwar ir-rimedju għall-konsumaturi; jew</u>**

   **<u>(b)</u>** il-qorti jew l-awtorità amministrattiva tista' tistieden lill-entità kwalifikata u [...] lin-**<u>negozjant</u>**, wara li tkun ikkonsultathom, sabiex jaslu għal soluzzjoni ta' rimedju fi limitu ta' żmien raġonevoli stabbilit.

3. […]

4. Is-soluzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu[...] 2 [...] għandhom ikunu suġġetti għall-iskrutinju tal-qorti jew tal-awtorità amministrattiva. Il-qorti jew l-awtorità amministrattiva għandha tivvaluta [...] **jekk għandhiex tiċħad l-approvazzjoni tas-soluzzjoni li tmur kontra l-liġi nazzjonali mandatorja, jew tinkludi kondizzjonijiet li ma jistgħux jiġu infurzati**, waqt li tqis id-drittijiet u l-interessi tal-partijiet, [...] **u b'mod partikolari dawk ta**l-konsumaturi kkonċernati. **L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li jippermettu lill-qorti jew lill-awtorità amministrattiva tiċħad l-approvazzjoni ta' soluzzjoni fuq il-bażi li s-soluzzjoni ma tkunx ġusta.**

5. Jekk is-soluzzjoni [...] ma tiġix approvata, il-qorti jew l-awtorità amministrattiva għandha tkompli **tisma'** l-azzjoni rappreżentattiva.

6. **L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li skonthom k**onsumaturi individwali kkonċernati **mill-azzjoni u mis-soluzzjoni sussegwenti** [...] jingħataw il-possibbiltà li jaċċettaw jew li jirrifjutaw li jkunu marbuta bis-soluzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu[...] 2 [...]. Ir-[...]**rimedji** miksuba permezz ta' soluzzjoni approvata skont il-paragrafu 4 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe [...] **rimedju** [...] **disponibbli** skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali **li ma kienx soġġett għal dik is-soluzzjoni**.

*Artikolu 9*
***Informazzjoni dwar l-azzjonijiet rappreżentattivi***

**0.** **L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli sabiex jiżguraw li l-konsumaturi kkonċernati minn azzjoni rappreżentattiva għall-miżuri ta' rimedju jkollhom il-possibbiltà li jiġu infurmati dwar l-azzjoni fil-ħin u b'mezzi xierqa sabiex jippermettu lill-konsumaturi jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom imsemmija fl-Artikolu 5b(2).**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qorti jew l-awtorità amministrattiva għandha teżiġi li n-negozjant [...] jgħarraf lill-konsumaturi [...] **kkonċernati mill-azzjoni**, għas-spejjeż tiegħu**,** dwar id-deċiżjonijiet finali li jipprevedu l-miżuri msemmija fl-Artikolu [...] 5 [...], u s-soluzzjonijiet approvati msemmija fl-Artikolu 8, b'mezzi xierqa għaċ-ċirkustanzi tal-każ u fil-limiti ta' żmien speċifikati, inkluż, fejn xieraq, bin-notifika individwali lill-konsumaturi kkonċernati kollha. **Dan ma japplikax jekk il-konsumaturi kkonċernati jiġu infurmati b'mod ieħor dwar id-deċiżjoni finali jew is-soluzzjoni approvata. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li skonthom tali obbligu jiddependi fuq it-talba tal-entità kwalifikata.**

**1a. Jekk l-entitajiet kwalifikati jkunu meħtieġa jinformaw lill-konsumaturi kkonċernati dwar azzjoni, l-ispejjeż meħtieġa relatati jistgħu jiġu rkuprati mingħand in-negozjant jekk l-azzjoni tirnexxi.**

**L-ewwel subparagrafu għandu japplika *mutatis mutandis* għad-deċiżjonijiet finali.**

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragraf**i 0 u** 1 għandha tinkludi b'mod li jinftiehem spjegazzjoni dwar is-suġġett tal-azzjoni rappreżentattiva, il-konsegwenzi legali tagħha u, jekk rilevanti, il-passi sussegwenti li jridu jittieħdu mill-konsumaturi kkonċernati.

*Artikolu 10*

***Effetti ta' deċiżjonijiet finali***

[...] L-Istati Membri għandhom jiżguraw li **deċiżjoni finali ta' qorti jew ta' awtorità amministrattiva ta' kwalunkwe Stat Membru li tistabbilixxi** ksur ta' dannu għall-interessi kollettivi tal-konsumaturi [...], [...] **tista' tintuża** bħala [...] **prova ta**l-eżistenza ta' dak il-ksur għall-finijiet ta' kwalunkwe azzjoni oħra li titlob rimedju quddiem il-qrati nazzjonali **jew l-awtoritajiet amministrattivi** kontra l-istess negozjant għall-istess ksur**, f'konformità mal-liġi nazzjonali dwar l-evalwazzjoni tal-evidenza**.

[…]

*Artikolu 11*

***[...] Perijodi ta' limitazzjoni***

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li [...] **azzjoni rappreżentattiva pendenti għall-miżura ta' inġunzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 5a jkollha l-effett li tissospendi jew tinterrompi l-perijodi ta' limitazzjoni applikabbli fir-rigward tal-konsumaturi kkonċernati mill-azzjoni sabiex dawk il-konsumaturi ma jkunux prevenuti milli sussegwentement iressqu azzjoni ta' rimedju dwar il-ksur allegat minħabba l-iskadenza tal-perijodi ta' limitazzjoni matul l-azzjonijiet rappreżentattivi għal dawk il-miżuri ta' inġunzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li azzjoni rappreżentattiva pendenti għal miżura ta' rimedju kif imsemmi fl-Artikolu 5b(1) ikollha l-effett li tissospendi jew tinterrompi l-perijodi ta' limitazzjoni applikabbli fir-rigward tal-konsumaturi kkonċernati minn dik l-azzjoni**.

*Artikolu 12*
***Ħeffa proċedurali***

1. L-Istati Membri għandhom [...] jiżguraw **li** l-azzjonijiet rappreżentattivi **għall-miżuri ta' inġunzjoni** msemmija fl-Artikolu[...] **5a** [...]jiġu trattati bil-ħeffa li tixraq.

2. L-azzjonijiet rappreżentattivi għall-**miżuri proviżorji għall-waqfien jew, fejn xieraq, għall-projbizzjoni ta' prattika meqjusa li tikkostitwixxi ksur** [...] imsemmija fl-Artikolu 5[...]**a(1)(a)** għandha**, jekk xieraq,** tiġi trattata permezz ta' proċedura[...] [...] **mħaffa**.

*Artikolu 13*
***Żvelar ta' evidenza***

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fuq talba ta' entità kwalifikata li tkun ippreżentat biżżejjed evidenza [...] raġonevolment disponibbli biex issostni l-azzjoni rappreżentattiva, u tkun indikat aktar evidenza li tkun tinsab fil-kontroll tal-konvenut **jew ta' parti terza**, il-qorti jew l-awtorità amministrattiva tista' tordna, skont ir-regoli nazzjonali ta' proċedura, li din l-evidenza tiġi ppreżentata mill-konvenut **jew mill-parti terza**, skont ir-regoli applikabbli tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità **u l-proporzjonalità**. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li qorti jew awtorità amministrattiva tkun tista', fuq talba tal-konvenut, tordna ugwalment lill-pretendent jew lil parti terza biex tiżvela evidenza rilevanti, f'konformità mar-regoli proċedurali nazzjonali.**

*l-Artikolu 14*
***Pieni***

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu [...] r-regoli [...] **li jiżguraw li jistgħu jiġu imposti pieni għan-nuqqas jew għar-rifjut tal-konformità ma' miżura ta' inġunzjoni msemmija fl-Artikolu 5a(1) jew fil-punt (b) tal-Artikolu 5a(1a) jew l-obbligi msemmija fl-Artikoli 9(1) u 13. L-Istati Membri** għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li [...] **dawk ir-regoli** jiġu implimentati. Il-pieni previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pieni jistgħu jkunu fil-forma ta' multi.

3. […]

4. […]

*Artikolu 15*
***Assistenza għall-entitajiet kwalifikati***

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu [...] miżuri **mmirati** biex jiżguraw li l-ispejjeż marbuta mal-azzjonijiet rappreżentattivi ma **jsirux ostakli[...] insormontabbli** [...] li **jipprevjenu** lill-entitajiet kwalifikati [...] milli **jeżerċitaw** effettivament [...] id-dritt tagħhom **li j**itolbu l-miżuri msemmija fl-Artikolu [...] 5 [...].

2. […]

3. [...] **<u>I</u>**l-Kummissjoni għandha tappoġġa u tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-entitajiet kwalifikati u l-iskambju u t-tixrid tal-**<u>informazzjoni dwar</u>** [...] l-aħjar prattika u esperjenzi fir-rigward tar-riżoluzzjoni ta' ksur [...].

*Artikolu 16*

***[...]***

[…]

# Kapitolu 3

# Dispożizzjonijiet finali

*Artikolu 17*
***Tħassir***

Id-Direttiva 2009/22/UE hija mħassra minn [*id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva*] mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 20(2).

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni li tinsab fl-Anness II.

*Artikolu 18*
**Monitoraġġ u evalwazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha, mhux qabel ħames snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. L-evalwazzjoni għandha ssir skont il-linji gwida tal-Kummissjoni dwar ir-regolamentazzjoni aħjar. Fir-rapport, il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tivvaluta l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva definit fl-Artikolu 2 u fl-Anness I **u l-funzjonament u l-effettività ta' din id-Direttiva f'sitwazzjonijiet transfruntiera, inkluż f'termini ta' ċertezza legali**.

2. Sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk ir-regoli dwar id-drittijiet tal-passiġġieri bl-ajru u bil-ferrovija, joffrux livell ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi paragunabbli ma' dak previst f'din id-Direttiva. Meta dan ikun il-każ, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tagħmel proposti xierqa, li jistgħu jikkonsistu b'mod partikolari fit-tneħħija tal-atti msemmija fil-punti 10 u 15 tal-Anness I mill-kamp tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, kif definit fl-Artikolu 2.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni fuq bażi annwali, u għall-ewwel darba sa mhux aktar tard minn erba' snin wara d-data ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-informazzjoni neċessarja biex tħejji r-rapport imsemmi fil-paragrafu 1:

(a) l-għadd u **t-tip** ta' azzjonijiet rappreżentattivi [...] **li jkunu ġew konklużi minn kwalunkwe qorti jew awtorità amministrattiva tagħhom**;

(b) […]

(c) it-tip ta' [...] ksur [...] **u** l-partijiet għall-azzjonijiet rappreżentattivi[...];

(d) […]

(e) l-eżitu tal-azzjonijiet rappreżentattivi.

(f) […]

*Artikolu 19*
***Traspożizzjoni***

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard minn [*[...]* ***<u>30</u>*** *xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

   L-Istati Membri għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [*[...]* ***<u>12</u>****-il xahar wara d-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni*].

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom referenza f'dak is-sens meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 20*
***Dispożizzjonijiet transitorji***

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jittrasponu din id-Direttiva għal [...] **<u>azzjonijiet</u>** [...] **<u>imressqa fi</u>** [id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva] jew wara.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jittrasponu d-Direttiva 2009/22/KE għal [...] **<u>azzjonijiet</u>** [...] **<u>imressqa</u>** qabel [*id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva*].

**2a.** **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali dwar is-sospensjoni jew l-interruzzjoni ta' perijodi ta' limitazzjoni li jittrasponu l-Artikolu 11 japplikaw biss għal talbiet għal rimedju bbażati fuq ksur li jkun seħħ fi [data ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva] jew wara. Dan ma għandux jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar is-sospensjoni jew l-interruzzjoni ta' perijodi ta' limitazzjoni li kienu diġà applikabbli qabel [id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva] għal talbiet għal rimedju bbażati fuq ksur li seħħ qabel dik id-data.**

*Artikolu 21*
***Dħul fis-seħħ***

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 22*
***Destinatarji***

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## ANNESS I

LISTA TA' DISPOŻIZZJONIJIET TAL-LIĠI TAL-UNJONI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2(1)

**A – Liġi ġenerali dwar il-konsumaturi**

1 Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU L 210, 07.08.1985, p. 29 - 33).

2 Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU L 95, 21.4.1993, p. 29).

4 Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom (ĠU L 171, 7.7.1999, p. 12).

**(4a) Direttiva (UE) 2019/770 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali u ta' servizzi diġitali (ĠU L 136, 22.5.2019, p. 1-27).**

**(4b) Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti, li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE, u li tħassar id-Direttiva 1999/44/KE (ĠU L 136, 22.5.2019, p. 28-50).**

**(4c) Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4-17): l-Artikoli 3 u 5.**

(11) Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22).

(13) Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar reklamar qarrieqi u komparattiv (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 21)[...].

(14) Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36)**: l-Artikoli 20 u 22**.

(35) Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64).

(59) Regolament (UE) 2018/302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2018 dwar l-indirizzar tal-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat u forom oħrajn ta' diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-klijenti fi ħdan is-suq intern u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2006/2004 u (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 60, 02.03.2018, p. 1): **l-Artikoli 3 - 5**.

**B – Informazzjoni dwar il-prodott u t-tikkettar**

(3) Direttiva 98/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fl-indikazzjoni tal-prezzijiet ta' prodotti offruti lill-konsumaturi (ĠU L 80, 18.3.1998, p. 27).

(18) Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1–1355)**: l-Artikoli 1 - 35**.

(26) Regolament (KE) Nru 1222/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 46–58)**: l-Artikoli 4 - 6**.

(30) Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE (ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1–19)**: l-Artikoli 9 - 10**.

(36) Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18-63).

(58) Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1-23)**: l-Artikoli 3 - 6**.

**C – Drittijiet tal-passiġġieri**

**(10-a) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97 tad-9 ta' Ottubru 1997 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fl-eventwalità ta' inċidenti (ĠU L 285, 17.10.1997, p. 1–3).**

(10) Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU L 46, 17.2.2004, p.1).

(12) Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobilità mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 1).

(15) Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14).

(17) Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3): l-Artikolu[...] 23 [...] .

**(17a) Regolament (KE) Nru 392/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 24-46).**

(31) Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1).

(32) Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1).

**D – Turiżmu**

(19) Direttiva 2008/122/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar il-protezzjoni tal-konsumatur rigward ċerti aspetti ta' kuntratti ta' timeshare, kuntratti dwar prodotti ta' vaganza għal perijodu fit-tul, kuntratti ta' bejgħ mill-ġdid u kuntratti ta' skambju (ĠU L 33, 3.2.2009, p. 10).

(47) Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE (ĠU L 326, 11.12.2015, p. 1).

**E – Saħħa**

(6) Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67): l-Artikoli 86–**90, 98 u** 100.

**(6a) Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE (riformulazzjoni) (ĠU L 342, 22.12.2010, p. 59-209): l-Artikoli 3-8 u 19-21.**

(33) […]

**(33a) Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE: Kapitolu II.**

**(33b) Regolament 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi dijanjostiċi in vitro u li jħassar id-Direttiva 98/79/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/227/UE: Kapitolu II.**

**F – Kummerċ u servizzi elettroniċi**

(5) Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1)**: l-Artikoli 5-7, 10 u 11**.

(28) Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1): l-Artikoli 9–11, [...] 19–26 u **28b**.

(55) Regolament (UE) 2017/1128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar l-iżgurar tal-portabbiltà transkonfinali tas-servizzi tal-kontenut online fis-suq intern (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 1).

**G – Telekomunikazzjoni**

(7) Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51-77)**: l-Artikolu 10 u l-Kapitolu IV**.

**(7a) Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (riformulazzjoni) (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36-214): l-Artikoli 88, 98 – 116 u l-Annessi VI u VIII.**

(38) Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 172, 30.6.2012, p. 10-35).

(51) Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ **u tariffi bl-imnut għal komunikazzjonijiet intra-UE regolati** u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE [...] u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 [...] (ĠU L 310, 26.11.2015, p. 1-18).

**H – Data personali**

(8) Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37): l-Artikol**i 4-8 u** 13.

(53) Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88).

**I – Is-suq tal-enerġija**

(20) Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55-93)**: l-Artikolu 3 u l-Anness I**.

(21) Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94-136)**: l-Artikolu 3 u l-Anness I**.

**J – L-effiċjenza fl-użu tal-enerġija**

(25) Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10–35)**: l-Artikolu 14 u l-Anness I**.

(29) […]

(39) Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1–56)**: l-Artikoli 9–11a**.

**K – Soluzzjoni ta' tilwim**

(40) Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 63): l-Artikolu 13.

(41) Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni online għal tilwim mal-konsumaturi (Regolament dwar l-ODR tal-konsumaturi) (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 1): l-Artikolu 14.

**L – Servizzi finanzjarji ġenerali**

(9) Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi (ĠU L 271, 9.10.2002, p. 16).

(16) Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66).

(23) Regolament (KE) Nru 924/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-ħlas transkonfinali fil-Komunità u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001 (ĠU L 266, 9.10.2009, p. 11-18).

(24) Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7-17).

(37) Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 22–37).

(44) Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34) [...].

(46) Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 214) [...].

(50) Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35-127).

**M – Servizzi ta' investiment**

(22) Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32-96).

(34) Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1-73).

(42) […]

(43) […]

45 Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349-496): **l-Artikolu 23-29.**

(48) Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) (ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1-23).

(49) Regolament (UE) 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-Fondi ta' Investiment Ewropej fuq Terminu Twil (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 98-121).

(56) Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12-82).

(57) Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-fondi tas-suq monetarju (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 8-45).

**N – Servizzi ta' assigurazzjoni u rtirar**

(27) Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1–155): l-Artikoli 183–186.

(52) Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni (riformulazzjoni) (ĠU L 26, 2.2.2016, p.19-59)**: l-Artikoli 17–24 u 28–30**.

(54) […]